# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 62– **LULJU 2021**

# werrej

| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 7 |
| L-Intervisti: Maria Camilleri u Stephen Lughermo | 10 |
| L-Intervisti: Irene Vallone u Toni Aquilina | 14 |
| L-Intervisti: Sanaz D. Zadehfar u Marthese Fenech | 19 |
| Il-poeżiji ta' poeta Indjan maqlubin għall-Malti | 26 |
| Kitba ta' Carmen Refalo | 29 |
| Sergio Grech dwar ktieb ta' Oliver Friggieri | 34 |
| Victor V. Vella dwar *Raġel bil-Għaqal* | 36 |
| L-Istudji Kritiċi Miġbura ta' Charles Briffa | 38 |
| *Otello* maqlub għall-Malti | 39 |
| Tifkira ta' Oliver Friggieri minn Frank Zammit | 41 |
| Tnedija ta-tieni edizzjoni tad-*Divina Commedia* | 43 |
| Il-Poeżiji | 45 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 51 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 52 |

Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**







IL-PONT matul is-snin offra spazju lil kittieba differenti: nisa u rġiel, żgħażagħ u anzjani, Maltin, Għawdxin, Maltin emigrati, imma anki kittieba barranin ta' nazzjonalitajiet differenti. Mela, IL-PONT ilu jifrex lil hinn mil-limiti żgħar ta' xtutna għal żmien twil, u b'hekk qiegħed iservi l-għan ewlieni tiegħu: dak ta' punt ta' kuntatt bejn qarrejja u kittieba, bejn kittieba u kittieba, bejn pajjiż u ieħor, fost oħrajn.

Bħala editur ta' din ir-rivista letterarja, xogħli huwa wkoll li nagħżel kitbiet ta' ċertu livell, anki jekk il-qarrejja regolari jafu li f'IL-PONT ninkludi kitbiet kemm ta' kittieba ta' esperjenza u sengħa kbira, kif ukoll oħrajn ta' kittieba emerġenti jew dilettanti. It-tnejn għandhom l-importanza tagħhom. Imma jibqa' l-fatt li, bħal kull rivista jew pubblikazzjoni rispettata, x'imkien ikolli naqta' linja, u għalhekk ikun hemm drabi meta ma naċċettax ċerti kitbiet jew poeżiji u niġbed l-attenzjoni ta' xi kontributuri biex jirfinaw iktar il-kitbiet li jkunu bagħtuli. F'dan il-każ l-entużjażmu mhux kollox. U lanqas l-idea tal-kitba ta' sensiela ta' versi li jaqblu fit-tmiem tagħhom, bla ebda attenzjoni lir-ritmu jew lill-għażla tal-kelma. Parti mill-proċess hija d-dixxiplina, u din tiġi wkoll billi wieħed jaqra spiss u jifli b'attenzjoni l-kitbiet tal-poeti u l-kittieba l-kbar, billi jikteb ħafna u jarmi ħafna, u jirfina qatigħ ukoll.

Preġju ieħor hu li naċċettaw kritika kostruttiva. Min jaf kemm minna, inkluż jiena, urejna l-versi tagħna lil kittieba misjura fis-sengħa, u dawn ġibdulna widnejna rigward ċerti għeltijiet fix-xogħlijiet tagħna! U dan iseħħ anki bejn il-poeti u l-kittieba l-kbar ukoll, li jgħaddu lil xulxin ix-xogħlijiet tagħhom, jifluhom u jiddiskutu aspetti differenti li jistgħu jittejbu u jiġu rfinati.

Din tal-għażla tax-xogħlijiet, id-deċiżjoni li xogħol jiġi aċċettat u ieħor le, mhix xi ħaġa favurita tiegħi, imma hija essenzjali immens. Nittama li la tweġġa' lil ċerti qarrejja u kontributuri ta' IL-PONT, u lanqas tgerrixhom.

Kien hemm min ġibidli l-attenzjoni dwar il-fatt li f'IL-PONT qed ikun hemm kitbiet kemxejn twal. Naqbel mija fil-mija miegħu, u nistieden lill-kontributuri biex kemm jista' jkun iżommu l-kitbiet tagħhom konċiżi, idealment mhux iktar minn tliet paġni. Jekk imbagħad ikollhom iktar x'jiktbu, dejjem jistgħu jaqsmu l-kitba tagħhom f'partijiet differenti li jistgħu jidhru f'edizzjonijiet differenti ta' IL-PONT.

Fuq nota differenti, bosta - kemm minn Malta, kif ukoll minn pajjiżi oħrajn - jesprimu l-apprezzament tagħhom tax-xogħol li qed nagħmel permezz ta' din ir-rivista. Daqstant tweġġa' r-reazzjoni indifferenti ta' min, b'pożizzjoni prominenti f'dan il-qasam, suppost jissapportja inizjattiva importanti bħal din. Hawn niftakar fil-versi Danteski fit-tielet kant tal-*Infern* (vv. 49-51): "Fama di loro il mondo esser non lassa;/ misericordia e giustizia li sdegna:/ non ragioniam di lor, ma guarda e passa.", jew kif jittraduċiha daqstant tajjeb Alfred Palma għall-Malti: "L-ebda tifkira d-dinja ma tħallilhom:/ Mistmerra kemm mill-ħaqq u kemm mill-ħniena:/ Ma nsemmuhomx, imm'ara u imxilhom." Nieħu l-okkażjoni biex minn hawn nifraħ lill-ħabib tiegħi, kittieb, poeta u traduttur prim, Alfred Palma, li proprju fl-okkażjoni tas-700 sena mill-mewt ta' Dante Alighieri qed jara ppubblikata f'edizzjoni preġjata t-traduzzjoni li għamel għall-Malti tad-*Divina Commedia*, xogħol li ħadlu mal-20 sena.

Xtaqt ninkludi kliem il-kittieba Taljana kontemporanja Elena Ferrante dwar il-kritika li tinkiteb dwar il-kotba: "I prefer work that concentrates on the page. A good critical work says to the reader: here's where the author started from, here's where he wanted to take me, here are the means he used, here are the goals he was aiming for, here are his debts to tradition, here's why I liked or hated it." Ferrante tikteb ukoll dwar il-bżonn ta' edukazzjoni letterarja biex tinbena dinja aħjar minn dik li bena l-bniedem raġel. Kliem Ferrante jikseb ċerta saħħa f'soċjetà li dejjem qed tagħti inqas importanza lis-suġġetti umanistiċi u tinvesti biss f'oħrajn marbutin ma' interessi materjalistiċi, ekonomiċi u finanzjarji.

IL-PONT hu xogħol li nagħmlu bla ħlas u fil-ħin liberu tiegħi, imma li jsir bi pjaċir kbir. Hu xogħol li jirrendi sodisfazzjon kbir, anki għax, nirrepeti, qed iqarreb flimkien numru kbir ta' kittieba mhux biss minn Malta, Għawdex u tad-dijaspora, imma anki barranin mill-kontinenti kollha. IL-PONT b'xi mod qed jikkontribwixxi biex isem Malta, imma anki l-ilsien Malti, jixirfu lil hinn mil-limiti dojoq li twieldu fihom. Ta' dan, u mill-ġdid, ħajr lill-kontributuri, qarrejja u persuni oħra li jxerrduh mal-erbat irjieħ.

Mill-ġdid nawgura lill-qarrejja u lill-kontributuri ta' IL-PONT sajf tajjeb, u nfakkar biex kemm jista' jkun nibżgħu għalina u għal ta' madwarna billi nirrispettaw ir-regolamenti li joħorġu mid-Dipartiment tas-Sanità.

**JITĦABBRU L-FINALISTI U REBBIEĦA TAL-PREMJU TAL-UE 2020**

F'nofs April li għadda kienu tħabbru l-finalisti tal-Premju tal-UE għal-Letteratura. Din is-sena saru 55 nominazzjonijiet li ġew magħżula minn 14-il pajjiż parteċipanti: l-Albanija, l-Armenja, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvia, Malta, il-Moldova, l-Olanda, il-Portugall, is-Serbja, il-Slovenja, l-Isvezja, u t-Tunesija. Il-finalisti minn Malta kienu Joe Pace, bil-ktieb *Papa Aħmed* (*Pope Ahmed*), u Lara Calleja, bil-ktieb *Kissirtu Kullimkien* (*You've Destroyed Everywhere*), it-tnejn tal-Merlin Publishers. Għal-lista sħiħa tal-finalisti ara din il-ħolqa: https://www.euprizeliterature.eu/news/eupl-2021-shortlist Aktar tard, jiġifieri fit-18 ta' Mejju 2021 ġew imħabbra r-rebbieħa tal-PUEL mill-konsorzju (magħmul mill-Federazzjoni Ewropea u Internazzjonali tal-Bejjiegħa tal-Kotba, mill-Kunsill tal-Kittieba Ewropej, u l-Federazzjoni tal-Pubblikaturi Ewropej), flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza tal-UE.

**L-AĊĊENT B'ĦARĠA ĠDIDA F'APRIL 2021**

Lejn nofs April li għadda ħarġet l-20 ħarġa ta' 'l-aċċent', ir-rivista dwar it-traduzzjoni u l-ilsien Malti. Minkejja l-pandemija u wara xhur ta' ħidma fuq is-sustanza kif ukoll l-istil tar-rivista, din l-20 ħarġa ta' 'l-aċċent' hija miżgħuda bħal dejjem b'artikli dwar it-traduzzjoni u dak kollu li jolqot il-lingwa Maltija. Is-sena li għaddiet kienet immarkata bit-telfa ta' ġgant tal-letteratura u l-ilsien Malti, Oliver Friggieri, u għalhekk 'l-aċċent' jagħtih ġieh permezz ta' riflessjoni li kien kiteb Friggieri stess għal 'l-aċċent' fl-2017. F'rabta mas-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 din il-ħarġa tinkludi ġabra ta' riflessjonijiet ta' Tony Gaffiero dwar il-politika lingwistika tal-pajjiżi u r-relazzjoni tagħha mas-saħħa pubblika. Tema oħra attwali hija l-ħarsa li jagħti George Farrugia dwar l-importanza tal-element viżiv fil-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti, li kien proprju s-suġġett tat-tieni sett ta' Deċiżjonijiet li ħa l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Dawn huma fost ħafna aktar artikli li jidhru f'din il-ħarġa li jkopru kwistjonijiet marbutin mal-kitba, l-ortografija u l-grammatika, it-terminoloġija, l-istorja tal-kitba u t-traduzzjoni, u ħwejjeġ oħra marbutin mal-professjoni tat-traduzzjoni, miktubin kemm minn tradutturi kif ukoll minn akkademiċi u esperti oħrajn fl-oqsma tagħhom. Bis-saħħa ta' xogħolhom, 'l-aċċent', ippubblikat mid-Dipartiment tal-Ilsien




Malti fid-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni tat-Kummissjoni Ewropea, sar pubblikazzjoni ta' referenza dwar l-ilsien Malti u t-traduzzjoni. Biex tiġi ċċelebrata l-20 ħarġa, ir-rivista ngħatat bixra friska u aktar moderna, filwaqt li fuq barra, il-qoxra tagħti ħarsa lura lejn l-edizzjonijiet preċedenti b'rikonoxximent għall-istorja tal-pubblikazzjoni. Minħabba l-kriżi sanitarja dinjija, ir-rivista, li s-soltu tintbagħat bil-posta lill-abbonati, din id-darba hija disponibbli biss online, fil-ħolqa: https://is.gd/accentmt jew inkella https://ec.europa.eu/.../maltese/magazine/mt_magazine_en.htm. L-aċċess, bħal dejjem, hu mingħajr ħlas.

**TIFKIRIET DWAR IT-TARZNA U MALTA FI ŻMIEN IL-GWERRA**

Nhar is-7 ta' Mejju 2021, John Saliba, Malti ta' 94 sena minn Ħaż-Żabbar li llum jgħix New York qasam ma' dawk preżenti rakkonti dwar l-esperjenza tiegħu fit-Tarzna bejn l-1941-1949, kif ukoll tifkiriet ta' żmien il-Gwerra. Hu tkellem dwar it-tagħlim prattiku li kien isir fil-qasam tas-snajja', l-apprentistat fit-Tarzna, inċidenti u periklu, ir-relazzjoni tiegħu ma' priġunieri Taljani, ġlied tal-ajruplani tal-gwerra u

ħafna iktar. Dawk preżenti setgħu jaraw ukoll xi ftit mill-arti tiegħu. It-taħdita saret bl-Ingliż biex tinftiehem minn udjenza iktar wiesgħa, fosthom il-familja ta' John Saliba stess. Madankollu, John għandu għal qalbu l-ilsien Malti, li ma nesa qatt, u tħalla spazju għal mistoqsijiet jew kummenti li setgħu jsiru bil-Malti. Din l-inizjattiva tmexxiet mill-antropologu Michael Deguara u ttellgħet fuq Facebook u Zoom u kienet miftuħa għal kulħadd. Din it-taħdita kienet parti mis-sensiela fuq It-Tradizzjoni Orali organizzata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università, u parti minn proġett li qed isir bl-għajnuna tal-Fondi ta' Riċerka tal-Università ta' Malta u l-Klabb Kotba Maltin. Dr Dawn Adrienne Saliba, in-neputija ta' John Saliba u li qed tistudja l-Arkeoloġija fl-Universita' ta' Malta, kienet strumentali biex issir din it-taħdita.

### SEHEM SAYDON FL-IŻVILUPP TAL-MALTI



Nhar it-13 ta' Mejju 2021, l-Akkademja tal-Malti organizzat "Taħdita f'ġieħ Pietru Pawl Saydon f'għeluq il-50 sena minn mewtu." Il-kelliema kienu Carmel Bezzina u r-Rev. Paul Sciberras. Fit-taħdita tiegħu Rev. Paul Sciberras fisser kif Saydon fit-traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid ma mexiex bl-istess mod kif mexa fit-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim, miktub bil-Lhudi u l-Aramajk, ilsna Semitiċi għall-aħħar. Waqt li Saydon fit-Testment il-Qadim żamm ħafna mal-prinċipju li ma jdaħħalx kliem Rumanz, fit-Testment il-Ġdid miktub bil-Grieg kellu jimxi mod ieħor. B'hekk naraw kontribut min-naħa tiegħu bl-għodda tat-traduzzjoni: daħħal u laqa' fil-lingwa-riċettur kliem Rumanz u b'hekk kabbar ilsien pajjiżu. Fl-istess waqt, il-kelliem afferma l-punt li Saydon kien Semitista u seta' jħalli l-kulur Semitiku fit-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim, imma inqas ferm fit-Testment il-Ġdid mill-Grieg. Min-naħa tiegħu, Carmel Bezzina, li fit-teżi tal-M.A. tiegħu stħarreġ u evalwa l-kontribut ta' Saydon għall-istudju tal-lingwa u l-letteratura Maltija, tkellem dwar uħud mill-istudji lingwistiċi tal-Prof. Saydon. Dan l-istudjuż għaref jista' jitqies pijunier u kontributur ewlieni fl-istudju tal-lingwistika Maltija, studju li dak iż-żmien kien għadu fil-bidu tiegħu. Il-kelliem ikkummenta wkoll dwar xi kitbiet tal-proża, kemm mil-lat tematiku kif ukoll mil-lat stilistiku kreattiv. Saydon ħallielna narrattivi qosra ambjentati fi sfond rurali li l-kittieb kien tant midħla tiegħu. Bezzina aċċenna wkoll għal xi kitbiet awtobijografiċi, li jitfgħu dawl fuq dak li għadda minnu Saydon tul il-karriera akkademika u fil-ħajja adulta. Din l-inizjattiva ttellgħet fuq il-pjattaforma virtwali Zoom.

### INIZJATTIVA OĦRA MILL-HUMS FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Nhar l-14 ta' Mejju filgħodu il-Pjattaforma Humanities, Medicines & Sciences organizzat fl-Università ta' Malta l-ewwel laqgħa għall-2021 wara perijodu ta' ibernazzjoni minħabba l-pandemija tal-Covid-19. It-tema ġenerali magħżula din id-darba kienet "War of the Worlds". Ġew ittrattati suġġetti differenti. Dr Sandro Lanfranco tkellem dwar "Symbiotic-parasitic relationship promoting evolutionary change", filwaqt li l-Prof. Victor Grech qara paper bl-isem ta' "Socio-biological factors & infection in science fiction". Dr Joshua Ellul ittratta t-tema "As below, so above: decentralised systems, infectious and malicious actors, and the common good", u l-Prof. Gloria Lauri Lucente tkellmet dwar "Visual/Aural 'Unquietness': Viral Outbreaks on Screen". Inizjattiva bħal din tittella' kull sena mill-HUMS u hija interessanti u innovattiva ladarba studjużi differenti jorbtu flimkien oqsma ta' riċerka li jidhru 'l bogħod minn xulxin bħall-Istudji Umanistiċi u x-Xjenzi, imma fil-fatt ikollhom bosta elementi in komuni.

### #TUNATTOGA... U MBAGĦAD? ATTIVITÀ SIEWJA ORGANIZZATA MILL-GĦAQDA TAL-MALTI UNIVERSITÀ

Nhar id-19 ta' Mejju l-Għaqda tal-Malti Università

flimkien mad-Dipartiment tal-Malti tal-Università organizzaw għar-raba' darba taħdita mmirata primarjament lejn l-istudenti tal-Malti sabiex jisimgħu l-esperjenzi ta' studju u xogħol ta' xi persuni li kienu bħalhom ftit tas-snin ilu, biex huma jieħdu idea ta' fejn jista' jwassalhom il-Baċellerat fil-Malti. It-tmien kelliema ta' din l-edizzjoni kienu: Kirsty Azzopardi, Janice Bonnici, Dorothy Bezzina, Gordon Mifsud, Marilyn Mintoff, Ann Marie Schembri, Matthew Schembri, u Rebecca Vella. Dawn huma gradwati tal-Malti li lkoll qabdu rotot differenti, kemm fuq livell ta' studju u riċerka, kif ukoll fid-dinja tax-xogħol. It-taħdita xxandret fuq il-paġna tal-Għaqda tal-Malti fuq Facebook.

**LEJLA LETTERARJA MILL-EUROPEAN WRITERS' COUNCIL**

Nhar il-5 ta' Ġunju 2021 il-European Writers' Council li miegħu hi msieħba l-Akkademja tal-Malti, tella' lejla letterarja bl-isem ta' "Invasion of Reality - Prose, Politics & Poetry in the time of Corona." Waqt din l-okkażjoni, 16-il kittieb/a minn 12-il pajjiż differenti, u ilħna b'saħħithom mid-dinja tal-ktieb iddibattew, flimkien mal-moderaturi Lena Falkenhagen (Chair tal-German Writers' Union) u Porter Anderson (Editor in Chief tal-Publishing Perspectives), l-isfidi letterarji, politiċi u soċjali li l-kittieba jridu jaffaċċjaw illum. Dan l-avveniment ġie mtella' live fuq Facebook u fuq is-sit tal-EWC. Il-kittieb John P. Portelli ħa sehem u rrappreżenta lil Malta.

**LARA CALLEJA REBBIEĦA TAL-PREMJU TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL-LETTERATURA**

Lara Calleja li rebħet il-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura għall-2020 bil-ktieb tagħha *Kissirtu Kullimkien*. Fl-istejjer miġburin f'dan il-ktieb, l-awtriċi żagħżugħa teżamina l-konsegwenzi tal-bini bla rażan li ħakem pajjiżna. Fihom insibu ġrajjiet mirduma qalb it-tħaffir u l-iżvilupp sfrenat li ħarbat mhux biss il-bini qadim ta' qabel imma ġenerazzjonijiet sħaħ ta' persuni anonimi li l-istejjer tagħhom se jibqgħu mistura għal dejjem. Lara Calleja hija wkoll l-awtriċi tar-rumanz *Lucy Min?* (2017) li bih rebħet fil-kategorija tal-Aħjar Awtriċi Emerġenti fl-2020. Pajjiżna jieħu sehem f'rotazzjoni ta' darba kull tliet snin u l-premju jingħata lil erbatax-il awtur/awtriċi mill-Ewropa bħala appoġġ għall-produzzjoni letterarja tagħhom. Il-Premju jiġi organizzat mill-Kummissjoni Ewropea u permezz ta' ġurati maħtura




mill-konsorzji, fosthom il-European and International Booksellers Federation (EIBF), il-European Writers' Council (EWC) u l-Federation of European Publishers (FEP). Għal dis-sena kien imiss li jieħdu sehem dawn il-pajjiżi: l-Albanija, l-Armenja, ir-Repubblika Ċeka, l-Iżlanda, il-Latvja, Malta, il-Moldova, in-Netherlands, il-Portugall, is-Serbja, is-Slovenja, l-Iżvezja u t-Tuneżija.

**LAQGĦA VIRTWALI MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI DWAR IL-LUX PRESS**

Nhar l-10 ta' Ġunju l-Akkademja tal-Malti organizzat fuq il-pjattaforma Zoom taħdita minn Sergio Grech bl-isem ta' "Sehem il-Lux Press fl-Istorja tal-Ktieb u l-Ġurnaliżmu Malti." Il-Lux Press kienet stamperija ewlenija f'Malta u minnha raw id-dawl tal-istampa diversi gazzetti Maltin kif ukoll għadd kbir ta' kotba, fosthom l-ewwel pubblikazzjonijiet tal-Klabb Kotba Maltin. Dan minbarra għadd kbir ta' klijenti li kellha matul is-snin il-Lux Press tista' tgħid f'kull settur tal-ħajja, inklużi għaqdiet sportivi. Grech intraċċa l-bidu u segwa l-iżvilupp tal-istamperija u wera kemm din l-istamperija kienet teċċella fl-organizzazzjoni u barra minn hekk, spjega li kienet tistampa diversi ġurnali fi żminijiet differenti ta' partiti politiċi differenti. Mil-Lux Press kienet toħroġ ukoll *The Bullettin* – l-unika gazzetta indipendenti ta' filgħaxija f'Malta. Il-gazzetta msemmija kienet tal-familja Micallef li kienet tmexxi l-istamperija. Barra r-riċerka tiegħu, Sergio Grech uża intervista li hu kien għamel ma' Joseph Muscat li kien impjegat mal-familja Micallef fil-Lux Press fejn fost l-oħrajn ingħata tagħrif fuq il-magni tal-lineotype. Sergio Grech hu editur tas-sensiela Bejn Storja u Miti, ħareġ erba' bijografiji u rumanz. Xandar mijiet ta' programmi kulturali.

**JIFTAĦ IL-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA DIREEN MICALLEF 2021**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jistieden għal darb'oħra lil poeti stabbiliti u oħrajn ġodda biex

jipparteċipaw fit-tielet edizzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef. Il-konkors ikun aġġudikat minn grupp ġdid ta' aġġudikanti li jinħatar kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-ġurija tevalwa kull poeżija, b'mod anonimu, skont damma ta' kriterji li jħarsu lejn l-awtentiċità, l-immaġinazzjoni, id-distintività fil-vuċi, u l-użu oriġinali tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit. Jiġu ppremjati l-ewwel tliet postijiet: il-poeżija rebbieħa hemm tieħu € 1,000, u għaż-żewġ poeżiji ta' warajha hemm allokat vawċer f'xiri ta' kotba li jista' jissarraf minn ħwienet tal-kotba lokali. Ir-rebbieħa tal-konkors jitħabbru f'ċerimonja apposta li tiġi ċċelebrata waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 li se jsir bejn it-3 u s-7 ta' Novembru fiċ-Ċentru Malti għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) Ta' Qali. Kull parteċipant irid jissottometti poeżija oriġinali waħda biss, u din ma tridx tkun ippubblikata qabel xi mkien ieħor. Ix-xogħol irid ikun bil-Malti u ma jaqbiżx is-36 vers. Kull applikant mitlub jaqra bir-reqqa r-regolamenti tal-Konkors, li jinsabu fuq is-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. L-applikazzjoni mimlija b'mod sħiħ trid tinbagħat bil-posta flimkien ma' erba' kopji tal-poeżija sottomessa, li trid tkun iffirmata bi psewdonimu. L-applikazzjoni u l-poeżija jridu jintbagħtu bil-posta fuq dan l-indirizz: Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2021, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Librerija Ċentrali Pubblika, Triq Prof. Joseph J. Mangion, il-Furjana, FRN1800, sa mhux aktar tard mit-Tnejn 23 t'Awwissu 2021 f'nofsinhar. L-applikanti għandhom jibagħtu wkoll kopja ffirmata u skennjata tal-applikazzjoni b'imejl fuq andrew.ricca@ktieb.org.mt.

**IMĦABBRA L-ĦAMES FINALISTI TAL-PREMJU STREGA FL-ITALJA**

Il-finalisti tal-Premju Strega din is-sena huma tliet nisa u żewġt irġiel, bi tliet rumanzi u żewġ kotba awtobijografiċi. Fuq nett insibu lil Emanuele Trevi b'*Due vite* (Edizzjoni Neri Pozza). Fit-tieni post hemm Edith Bruck, b'*Il pane perduto* (Edizzjoni La Nave di Teseo), li rebħet ukoll il Premju Strega Giovani. Fit-tielet post insibu lil Donatella Di Pietrantonio b'*Borgo Sud* (Einaudi), u Giulia Caminito, b'*L'acqua del lago non è mai dolce* (Bompiani), ingħatat ir-raba' post. Fil-ħames post hemm Andrea Bajani, b'*Il libro delle case* (Feltrinelli). L-isem tar-rumanz rebbieħ jitħabbar fit-8 ta' Lulju 2021.

**TAĦDITA PUBBLIKA TA' MICHELINE GALLEY DWAR IT-TRADIZZJONIJIET ORALI F'MALTA U L-MAGREB**



Nhar il-25 ta' Ġunju, ir-riċerkatriċi tat-tradizzjonijiet orali fl-Mediterran, Micheline Galley, għamlet taħdita bl-Ingliż - fuq Zoom u fuq il-paġna ta' Facebook tal-proġett tad-Dipartiment tal-Malti "It-Tradizzjoni Orali" - dwar ir-riċerka li għamlet fuq medda ta' erbgħin sena dwar it-tradizzjonijiet orali f'Malta u l-Magreb. It-taħdita jisimha "Researching Maltese and Mediterranean Oral Traditions: A French-Maltese Collaboration" kienet miftuħa għal kulħadd. Madame Galley hija riċerkatriċi anzjana onorarja fiċ-Ċentru Nazzjonali tar-Riċerka Xjentifika, istituzzjoni prestiġjuża fi Franza. Ħadmet mill-qrib ma' riċerkaturi ewlenin bħal Ġużè Cassar Pullicino u Ġużè Aquilina. Micheline Galley kitbet għadd ta' artikli akkademiċi u tliet kotba fuq Malta: ma' Ġużè Cassar Pullicino kitbet *Femmes de Malte dans les chants traditionnels* (C.N.R.S., 1981). Ippubblikat ukoll *Maria Calleja's Gozo. A Life History* (Utah University Press, 1994), u *Malte: Un archipel au destin fabuleux* (Paris Geuthner, 2019). Galley hi segretarja ġenerali tal-Għaqda Internazzjonali tal-Istudju taċ-Ċiviltajiet tal-Mediterran (AIECM). Ħadmet żewġ films dokumentarji fuq it-tradizzjonijiet popolari f'Malta: *L'Imnarja. Fête des Lumières à Malte* (C.N.R.S.), u *Chants sacrés et jeux poétiques*, fuq l-innijiet sagri u l-poeżija popolari. Din it-taħdita saret bi sħab bejn id-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta, l-Ambaxxata ta' Malta f'Pariġi, u l-Ambaxxata ta' Franza f'Malta. Il-Prof. Adrian Grima introduċa lill-kelliema u mexxa d-diskussjoni wara t-taħdita. Ħajr lill-Ambaxxatriċi Franċiża f'Malta, l-Eċċellenza Tagħha Brigitte Curmi u lill-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Carmelo Inguanez, Ambaxxatur ta' Malta fi Franza.



**Email mingħand Marthese Fenech, it-12 ta' Mejju 2021**

Hello Patrick!

I have finally had a proper look at IL-PONT - what an exquisite publication it is. I particularly enjoyed reading the interview with Marta Obiols Fornell. You ask such excellent, thought-provoking questions, which really allows the featured writer/poet an opportunity to shine.

Kudos on this fabulous magazine and thank you for the work you do to promote Maltese culture through the arts.

I'm honoured to be featured among so many talented individuals.

Mar

**Email mingħand Paul Vella, l-1 ta' Ġunju 2021**

Għażiż Patrick,

Grazzi għal ħarġa oħra ta' IL-PONT. Għal darb'oħra mimli b'ħafna qari interessanti fuq il-letteratura Maltija u letteratura oħra barranija. Insibu intereressanti speċjalment f'dan iż-żmien li għaddejjin minnu li bħalissa aħna f'Melbourne ninsabu magħluqin għar-raba' darba f'"lockdown" minħabba din il-pandemija li jidher ma nafux meta se neħilsu minnha.

Nawguralek suċċess f'ħarġiet oħra u nirringrazzjak li tibgħatulna. Min-naħa tiegħi jiena mill-ewwel naqsmu mal-membri tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li naf żgur li jsibuh interessanti.

Paul Vella

**Email mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Ġunju 2021**

Għażiż Patrick,

Irċevejt IL-PONT nru. 61-Ġunju 2021 li tieghu niżżik ħajr qatigħ. Grazzi tal-poeżija li xandartli, u grazzi tal-kontenut utli minn kittieba kbar lokali fosthom inti bħala editur imgħarraf u mħejji, minbarra li poeta stabbilit, kontenut li jimlini, jsaħħaħni u jgħaqqadni. Nixtieqlek saħħa, ġid u sliem, ħabib.

B'imħabba,
Mario

**Email mingħand Joe Camilleri, l-1 ta' Ġunju 2021**

Għażiż Patrick,

Ħajr minn qalbi tar-reċensjoni tal-aħħar ġabra ta' stejjer tiegħi *Ir-Raġel tas-Skiet*. Napprezza.

Grazzi akbar tat-tiżwiqa ta' materjal interessanti li tipprovdielna f'IL-PONT. Tassew rivista letterarja ta' livell.

Joe Camilleri
Ir-Rabat, Għawdex.

**Email mingħand Michael Zammit, l-1 ta' Ġunju 2021**

L-għodwa t-tajba!

M'għandix ħlief kliem ta' tifħir għal din il-ħidma eċċezzjonali tiegħek.

Tissorprendini f'kull ħarġa. Nirringrazzjak ħafna ħafna.



Matul il-jiem li ġejjin insib ħin biex induru dawra bħas-soltu .... nieħu gost inħaffer f'minjiera bħal din.

Saħħiet.
Michael

**Email mingħand Narcy Calamatta, l-1 ta' Ġunju 2021**

Għażiż Patrick,

Ħajr ta' IL-PONT mimli daqs bajda li tgħaxxaq. Nixtieq insellem lill-mibki drammaturgu ddedikat Anthony Portelli. Kelli x-xorti inkun mitlub nidderieġi d-dramm tiegħu *Ċella Numru 5*.

Xogħol li mill-ewwel għoġobni, iżda bħalma jagħmlu fl-industrija taċ-ċinema insistejt li jżid, inaqqas u jbiddel. Laqagħni b'għożża u umiltà li qatt ma rajt bħalha. Ried iħalli f'idi iżda jien insistejt li x-xogħol kien tiegħu u li l-verżjonijiet il-ġodda jridu joħorġu minn idejh.

Flimkien tellajna xogħol tabilħaqq ta' kalibru internazzjonali. Fl-aħħar ħriġt fuq il-palk u kellimt lill-udjenza. Iżżejthom ħajr talli ġew jarawna. Tlabthom jgħaddu l-kelma li hawn Malta għandna palk validu li jħabbatha ma' ta' barra. Sejjaħtlu biex jitla' fuq il-palk għall-applaws. Kellhom ikaxkruh. Tgħidx kemm staħa. Bniedem bnin u ġwejjed ma tistax ma tħobbux. Ħallielna xogħol għat-teatru Malti li għandu jibqa' jittella' daqs kull xogħol klassiku ieħor. Sliem Anthony tagħna.

Mario Azzopardi tixraqlu l-attenzjoni kollha, u Anton Sammut hu rivelazzjoni rikka għalija.

Proset tax-xogħol fejjiedi.

Narcy

**Email mingħand Rigu Bovingdon, it-3 ta' Ġunju 2021**

Mill-gdid proset Patrick ta' ħarga gwappa ta' IL-PONT! U grazzi li użajt l-ittra tiegħi lil Oliver. Fiha ħafna x'wieħed jixtarr, pożittiv u anka negattiv sfortunatament. Imma dik hija r-realtà fattwali u storika.

Dan IL-PONT huwa wieħed mill-aqwa opri kbar letterarji tiegħek ħabib. Bih inti qiegħed timla vojt immens fid-dinja tal-ħsieb Malti minn madwar id-dinja kollha. Huwa bilanċjat, mirqum, professjonali, magħżul u jimla vojt KBIR bejnietna lkoll tad-dijaspora!

Is-sliem!
Rigu

**Email mingħand Charles Bezzina, it-3 ta' Ġunju 2021**

Għażiż Patrick,

Grazzi għal darba oħra tar-rivista IL-PONT. Nammirak għall-ħeġġa kbira li għandek biex tagħmlu. Prosit għax mimli tagħrif u xogħlijiet letterarji. Niskanta kemm qegħdin joħorġu kotba letterarji. J'alla l-ġid. Imma naħseb is-sensazzjoni ta' dis-sena se jkun il-volum ta' Alfred Palma li se jippubblika f'għeluq is-700 sena mill-mewt ta' Dante. *Id-Divina Commedia* hija epika kbira, li Alfred Palma dam jittraduċi bir-rima għal 20 sena. Jien diġà għandi l-edizzjoni li hu ħareġ qabel, tnejn oħra bit-Taljan, u waħda bl-Ingliż ta' Longfellow. Dawn ilkoll bl-inċiżjonijiet ta' Gustav Doré, u din li se joħroġ Alfred Palma issa, ukoll għandha l-inċiżjonijiet ta' Doré. Hu volum ta' min ikollu, jaqrah, u jgħożżu.



Ħaġa oħra: Alfred Massa, eks president innifsu ta' din l-għaqda, kiteb dwar l-Għadqa Poeti u l-presidenti li kellha. Twaqqfet fl-1975, u jien dħalt membru fl-1979, wieħed minn tal-bidu. Irbaħt diversi konkorsi letterarji li l-Għaqda kienet tagħmel kull sena, u fl-1989, ħatruni bħala rappreżentant tal-għaqda, għal Għawdex. Ħadt pjaċir naħdem ma' Mons. Amante, ma' Alfred Massa, u ma' Charles Magro.

Fis-6 ta' Mejju 1974, għamilna l-Ministeru ta' Għawdex, serata f'ġieħ Ġorġ Pisani, f'għeluq il-85 sena minn twelidu, u hu apprezzaha ħafna. Għamilna oħra lil Mary Meylak, u xi tlieta oħra meta stedinna poeti Għawdxin ta' issa jaqraw xogħlijiethom. Għamilna serata oħra fejn ħtarna lill-Kan. Joe Mejlak, lil Marċell Mizzi, u lil Ġanninu Cremona, membri onorarji, u li għamluli tnedija ta' żewġ kotba ta' poeżiji. Fl-1994, lili wkoll onorawni bil-Premju Città di Valletta, u ħmistax qabel miet il-President Charles Magro, f'Ġunju 2016, ħatruni membru onorarju.

Mhux biss ħadt pjaċir naħdem għal din l-għaqda, imma fija ngawdi sodisfazzjoni kbir li ma tixtrihx.

Tislijiet u ħajr
Charles Bezzina

**Email mingħand Eliana Stendardo, l-4 ta' Ġunju 2021**

Carissimo Patrick,

Che bella sorpresa! Sono io a ringraziare te, di cuore, per la pubblicazione dell'intervista. Ti faccio i miei complimenti per la rivista, davvero curata sia nei contenuti, sia nella grafica, che apprezzo molto. Deve essere un lavoro davvero impegnativo...

Sono onorata e grata.

A presto,
Eliana

**Email mingħand Joe Axiaq, is-6 ta' Ġunju 2021**

Għaziz Patrick,

Grazzi tal-aħħar edizzjoni ta' IL-PONT u tal-kontribuzzjoni tiegħi li għoġbok iġġib. Bħas-soltu rivista mimlija b'kitba u letteratura ta' interess, stampata pulit li fl-istess ħin iġġibli tifkiriet sbieħ ta' rivisti letterarji li kienu stampati fl-imgħoddi u li llum għosfru.

Tislijiet,
Joe (L-Awstralja)

**Ittra mingħand Ġorġ Borg, it-8 ta' Ġunju 2021**

Għażiż Patrick,

Nirringrazzjak minn qalbi għall-aħħar żewġ ħarġiet ta' IL-PONT. Dejjem naqrah kollu kemm hu u nibda mill-Editorjal tiegħek li dejjem insibu jolqot il-musmar fuq rasu.

Qed nara li issa qed jiżdied ukoll fil-paġni, probabbli għax qed tħalli min jibgħat kitbiet fit-tul (i.e. ta' iżjed minn tliet paġni). Jien ma tantx naqbel ma' kitbiet twal għax jista' jkun li min jaqra jista' jitlef xi ftit l-interess. Jekk tkun intervista int stess tista' tnaqqas minnha u mhux bilfors iġġib kollox.

Mill-bqija għandi biss tifħir għal dak kollu li sibt fil-paġni ta' IL-PONT.

Ħabibek,
Ġorġ



## IL-KITTIEBA U XANDARA MARIA CAMILLERI TITKELLEM MA' IL-PONT

***Il-Pultruna li Titbandal u Stejjer Oħra* huwa ġabra ta' 23 rakkont. Din hija l-ewwel pubblikazzjoni tiegħek?**

Dan huwa t-tieni ktieb li ħriġt. L-ewwel wieħed kien *Id-Dar f'Tarf ir-Raħal*, pubblikazzjoni tal-4Sight li ħareġ madwar ħames snin ilu u li wkoll kien jikkonsisti f'ġabra ta' novelli.

**Minn fejn u kif twieldu stejjer bħal dawn?**

Il-Kunsill Ċiviku ta' Ħaz-Zabbar kull xahar kien jorganizza lejla letterarja, msejħa Kikkra Kulturali, fuq l-inizjattiva tas-sinjura Grace Pace, li sfortunatament illum m'għadhiex magħna. Konna niktbu xi storja jew poezija, jew aħjar xi taqbila u konna naqrawha. Kien hemm li jien tħajjart nikteb xi novella qasira u l-inkoraġġiment ta' diversi awturi oħrajn ħeġġiġni nkompli nikteb. Hekk twieldu l-ewwel tletin novella li nsibu fl-ewwel ktieb u mbagħad wara komplejt nikteb sakemm issa għandi t-tieni ktieb *Il-Pultruna Li Titbandal*, pubblikazzjoni tal-Horizons.

**Personaġġi u temi partikolari li tittratta fi stejjer bħal dawn?**

Kemm il-personaġġi kif ukoll it-temi huma diversi u huma dawk li niltaqa' magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Jistgħu jkunu ġejjin minn esperjenzi tiegħi stess, jew dawk li nkun smajt jew qrajt dwarhom. Naturalment ma jistax jonqos li f'bosta novelli jkun hemm ukoll element awtobiografiku.

**Kemm iddum biex tikteb rakkont wieħed u fiex jikkonsisti l-proċess tal-kitba min-naħa tiegħek? Ikun hemm żmien meta tirfina wkoll il-prodott finali?**

Ikun hemm drabi meta nikteb novella u nispiċċaha dakinhar stess, imma hemm drabi fejn indum anke ġimgħa biex inlestiha. Ironikament, jien dejjem nibda mit-tmiem. Inkun naf kif se tispiċċa l-istorja, imbagħad nibda nimxi b'lura. Jekk ma jkollix tmiem tajjeb, ma niktibhiex. U iva ndum nirranġa, inħassar u naqta', inzid u nnaqqas sakemm ikolli l-prodott li nkun nixtieq.

**Dan tiegħek hu kontribut ieħor minn kittieba mara lill-qasam tal-letteratura Maltija. Xi tgħid dwar dan? Kemm hu importanti li iktar nisa Maltin joħorġu għad-dawl il-kitbiet tagħhom?**



Ma narax li għandu jagħmel xi differenza li tikteb, sew jekk mara jew jekk raġel. Jekk ikollok talent, importanti li dan tħaddmu u minbarra li dan ikun ta' sodisfazzjon għalik, inti tkun ukoll qed tagħti kontribut lill-oħrajn. Bis-saħħa ta' programm li nippreżenta fuq stazzjon tar-radju, nista' ngħid li ltqajt ma' għexieren ta' kittieba nisa li għamlu suċċess permezz tal-kitbiet tagħhom mhux inqas milli għamlu kittieba rġiel. Għalhekk, iva , in-nisa li għandhom il-ħajra għall-kitba, għandhom jagħmlu kuraġġ u joħorġu dan ix-xogħol tagħhom.

**X'relazzjoni hemm bejn Maria Camilleri li taħdem fil-qasam tax-xandir u Maria Camilleri li tikteb? Kemm dawn l-oqsma jgħinu lil xulxin?**

Kif ġa semmejt, il-fatt li naħdem fix-xandir kien strumentali biex jien stajt niltaqa' ma' għadd ta' kittieba kemm rinomati u magħrufa mal-qarrejja kif ukoll dawk li jkunu għadhom jibdew. Ikolli ngħid li minnhom tgħallimt ħafna. Dawn il-programmi letterarji iġegħluni naqra bosta kotba bil-Malti, għalhekk ma jistax jonqos li dan ikollu impatt fuq il-kitbiet tiegħi.

**Il-letteratura li toffri divertiment; dik li tistieden lill-qarrej jirrifletti; u dik li trid tgħaddi messaġġ jew tgħallem lill qarrej. Fejn tpoġġi dawn l-istejjer tiegħek?**

Ma nfittixx li ngħaddi xi messaġġ u wisq inqas li ngħallem permezz ta' dawn il-kitbiet. Wara kollox, il-qari qiegħed hemm biex jagħtik gost. U dawn l-istejjer tiegħi għandhom appuntu dak il-għan, li wieħed jieħu gost jaqrahom bħalma jien inkun ħadt gost niktibhom.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Qed nerġa' naħdem fuq ġabra oħra ta' novelli, għandi xi ftit lesti, imma wara dawn nixtieq nikteb rumanz.



## IL-PONT jintervista lill-kittieb Stephen Lughermo, awtur ta' *Ċelel Bla Ħitan*

**Minn fejn u meta twieled dan l-interess tiegħek fil-kitba bil-Malti?**

Il-kitba minn dejjem ġibditni. Fi tfuliti, iktar milli l-kitba fiha nfisha, iktar kien jintrigani l-fatt li nista' nesperimenta, li nista' noħloq karattri u rakkonti u nagħtihom il-laqta jew it-tmiem li nixtieq jien. Fl-isfond ta' kollox kien hemm l-imħabba għall-qari li żergħet fija l-interess għall-kitba. Minkejja li kont naqra ħafna iktar bl-Ingliż, meta ġejt biex nikteb dejjem ħassejt li għandi nikteb bil-Malti.

Maż-żmien l-imħabba lejn il-lingwa u l-letteratura Maltija żviluppat permezz tat-taħriġ li ħadt fl-Università. Taħt il-gwida ta' ġganti tal-letteratura bħall-Profs Oliver Friggieri, il-kitba ma baqgħetx biss logħba ta' esperimentazzjoni iżda saret sengħa li awtur irid iħaddem b'dixxiplina u kreattività. Minbarra tħejjija għall-karriera tiegħi ta' għalliem, f'dawk is-snin kont qed nikseb l-għodod bażiċi u meħtieġa għall-kitba tiegħi.

**Dan mhux l-ewwel ktieb tiegħek ippubblikat. Liema huma l-pubblikazzjonijiet l-oħra u x'inhu l-fil li jorbothom flimkien?**

*Ċelel Bla Ħitan*, kien l-ewwel tentattiv tiegħi ta' novelli għall-adulti. Fil-fatt, il-pubblikazzjonijiet preċedenti kienu kollha b'xi mod jew ieħor immirati għal udjenza iżgħar fl-età. Permezz ta' *X'Aħna Smart*




(Horizons, 2015) u *Jarmuk* (Horizons, 2017) fittixt li nilħaq il-faxxa ta' qarrejja adolexxenti/żgħażagħ li fil-letteratura Maltija kienet kategorija li, għal ħafna snin, ma kinitx żviluppata biżżejjed. Iż-żewġ rumanzi ntlaqgħu tajjeb u rebħu rikonoxximenti importanti.

Ippubblikajt ukoll kotba għat-tfal bħal *Toni tat-Tritoni* (Horizons/Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2019) u *Ix-Xewqa ta' Luke* (Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Foster Care, 2018) miktub flimkien ma' Diane Farrugia fi proġett li sar bil-għan li jlaqqa' lill-istudenti tal-Primarja mat-tema tal-Foster Care.

**Għandek kittieba jew xogħlijiet letterarji Maltin/barranin għal qalbek? Liema?**

Fil-kuntest Malti, kont dejjem miġbud lejn rumanzi ta' xeħta psikoloġika, mill-klassiċi bħal *Leli ta' Ħaż-Żgħir* u *Il-Gaġġa* għal dawk kontemporanji li, minkejja l-kuntest differenti xorta jittrattaw temi li jibqgħu rilevanti f'kull perjodu u sitwazzjoni.

Fejn jidħlu xogħlijiet letterarji barranin, insibha diffiċli ħafna li nindika kittieb jew ġeneru wieħed għax infittex li nvarja kemm jista' jkun f'dak li naqra u nżomm ruħi aġġornat dwar it-tendenzi tal-kitba fuq livell internazzjonali.

**F'*Ċelel Bla Ħitan* taqbad għadd rappreżentattiv ta' individwi li kollha b'xi mod jgħixu s-solitudni fl-għeluq personali tagħhom. Xi tgħid dwar dan?**

L-idea ta' *Ċelel Bla Ħitan* twieldet propju permezz ta' din it-tema. F'dawn in-novelli xtaqt nirrappreżenta l-għeluq u l-klawstrofobija tal-ħajja kontemporanja li minkejja li tiftaħar ħafna bil-kunċetti ta' libertà u drittijiet, għadha xxekkel lill-individwi f'bosta manjieri.

Kull novella tippreżenta karattru msakkar f'din iċ-ċella psikoloġika, fgat bit-tiġrib passat, preżenti jew ġejjieni tiegħu li jitħabat biex isib il-ħelsien tant mixtieq. L-ambjent magħżul huwa dejjem ta' xi post ċkejken u soffokanti li fih il-protagonist iwaħħad l-esperjenza tal-għeluq mentali ma' dak fiżiku.

**Minn fejn iġġib l-ispirazzjoni?**

L-ispirazzjoni hija l-bażi ta' kull xogħol, it-twelid tal-idea li tibda l-proċess iebes u dixxiplinat tal-kitba. Fil-każ tiegħi, l-ispirazzjoni tiġi minn dak kollu li hu madwari: tista' tkun xi ħaġa li qrajt, xi filmat li rajt, xi rakkont li smajt jew xi persuna li ltqajt magħha. Fil-bidu tkun biss ħjiel ta' idea li tul il-ġranet u l-ġimgħat ta' wara nibqa' nagħġen f'moħħi u nħarbex fuq il-karti sakemm tiżviluppa f'xi għamla ta' pjan ta' kitba.

**Inħoss li numru mdaqqas mid-disa' rakkonti tiegħek faċilment jistgħu jiġu żviluppati f'rumanzi elaborati. X'taħseb?**

Kif diġà għedt, dan kien l-ewwel esperiment tiegħi fil-kitba ta' novelli. Il-proċess li segwejt kien l-istess bħal dak tal-kitba tar-rumanz. Għalhekk jista' jkun li din hija r-raġuni għala tinħass din il-possibbiltà ta' żvilupp f'rumanzi elaborati. Jista' jkun ukoll li f'bosta novelli fittixt li niżviluppa l-karattri ewlenin b'mod dettaljat – xi ħaġa li mhux dejjem insibu fin-novelli – bil-għan li nkun nista' noħroġ aħjar it-tema tal-għeluq psikoloġiku li bih huma maħkuma l-protagonisti.

**Kemm hu importanti l-ispazju fejn tambjenta l-istejjer tiegħek?**

Huwa kruċjali. L-ambjent magħluq u soffokanti jirrappreżenta tema komuni f'din il-ġabra ta' novelli. Tul il-ktieb, il-qarrej se jiltaqa' ma' karattri magħluqin f'karozza, sauna, kabina, kamra tal-banju u l-bqija. B'dan il-mod l-ispazji klawstrofobiċi isiru riflessjoni ta' ruħ il-protagonisti. Madankollu, il-ħarba minn dan l-għeluq fiżiku mhux bilfors tfisser ħelsien psikoloġiku.

**Dawn tiegħek huma wkoll rakkonti dwar umanità mweġġgħa. Kemm it-tagħlim tiegħek fis-Seminarju kkontribwixxa biex tikteb dwar dan?**

Is-snin tiegħi fl-iskola sekondarja tas-Seminarju żgur li għenu biex isawru fija karattru li jinnota t-tiġrib ta' madwaru. Fl-istess ħin, ma naħsibx li nista' nillimita dan kollu biss għas-snin tas-sekondarja. L-uġigħ tal-individwi, għalkemm ħafna drabi mistur mis-soċjetà, jinsab preżenti madwarna u nemmen li kull kittieb għandu d-dmir li jippreżenta l-weġgħat tan-nies li jsofru fis-silenzju.

**Fejn tħossok l-iktar komdu: fil-kitba tar-rumanz jew tan-novella? Għaliex?**

In-novelli kienu qasam ġdid għalija. Xtaqt nesperimenta b'ġeneru ieħor u nittama li l-esperiment iħalli l-frott mixtieq mal-qarrejja. Fl-istess ħin, ikolli nammetti li n-novelli offrewli sfida kbira. Il-ħtieġa li nżomm kollox fil-qosor, li niżviluppa l-karattri u n-nisġa tal-ġrajja mingħajr wisq dettalji, kienu għadma iebsa għalija. F'dan is-sens, inħoss li nsibni aktar komdu fil-kitba tar-rumanz iżda ċertament li se nibqa' nesperimenta bin-novelli u b'ġeneri oħra.

**F'liema ħinijiet tikteb?**

M'għandix ħin fiss. Normalment inqis ruħi iktar persuna ta' filgħodu u nsibni komdu nikteb dak il-ħin. Madankollu, minħabba impenji ta' xogħol rari jkolli l-opportunità li nikteb f'dawk il-ħinijiet u bosta drabi nispiċċa nikteb tard filgħaxija. Nipprova kemm jista' jkun li ma nħallix ġurnata tgħaddi mingħajr ma nikteb jew almenu nirrevedi xi ħaġa li nkun ktibt fil-jiem ta' qabel.

**Liema taħseb huma l-karatteristiċi li jorbtu flimkien il-kittieb mal-għalliem?**

Fil-fehma tiegħi, l-essenza ewlenija tal-kitba m'għandhiex tkun didattika. F'dak is-sens, waqt li nikteb nipprova ninfatam għalkollox mir-rwol ta' għalliem. Il-kitba għandha tkun gost. It-tagħlim (jew "il-messaġġ") għandu jkun biss konsegwenza.

Fl-istess waqt, hemm karatteristiċi oħra li huma komuni mal-klassi bħal, ngħidu aħna, li l-kittieb jimmaġina udjenza quddiemu jew li jrid jilħaq l-interess tal-qarrej bl-istess mod li għalliem ifittex li jiġbed l-interess tal-istudenti quddiemu. F'dan ir-rigward, l-esperjenza tal-klassi ċertament li hija taħriġ utli ħafna għall-kitba.

**Liema huma l-ingredjenti ewlenin li jwasslu individwu biex jibda jikteb letteratura fittizja?**

Naħseb qabel xejn trid tkun l-imħabba lejn il-letteratura. Diffiċli nimmaġina individwu li jibda jikteb mingħajr ma jkollu bażi tajba ta' qari ta' kittieba u ġeneri differenti. Barra minn hekk, xi ħadd li jersaq għall-kitba ta' letteratura fittizja jrid ikun lest jitħarreġ b'dixxiplina fil-proċess tal-kitba li jinkludi ppjanar u editjar kostanti. Ma jistax jibbaża biss fuq it-talent jew fuq l-ispirazzjoni. Dawn jagħmlu biss persentaġġ żgħir mill-ingredjenti li jsawru kittieb.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Proġetti jkun hemm dejjem. Fix-xhur li ġejjin nispera li nkun nista' nippubblika ktieb ieħor għat-tfal tal-aħħar snin tal-Primarja. Fl-istess ħin qed naħdem fuq proġett ambizzjuż – rumanz għall-adulti – li nittama li jkun lest matul is-sena d-dieħla.

**META JINXEF L-OASI**

Interraq waħdi
meta jinxef l-oasi.
Sal-ewwel xita.

**OMAR SEGUNA**



## IL-PONT JINTERVISTA LILL-POETESSA TALJANA IRENE VALLONE

**Qual è il suo mestiere/la sua professione?**

Sono impiegata amministrativa in un'azienda.

**Luogo di nascita, e luogo dove abiti nel presente? Il bello e il brutto di tali luoghi?**

Sono nata a Zurigo da genitori emigranti, ma sono rimasta lì solo per pochi mesi. Di quel Paese mi è rimasta per tanti anni una grande curiosità e un forte desiderio di andare nella mia città natia. Grazie al mio carissimo, ma ahimé compianto, padrino Francisco Gil Martin, ho potuto soggiornare a Zurigo per qualche mese e visitare tutta la Svizzera. Affascinata dall'ordine, la bellezza naturalistica, la Svizzera non poteva bastare, dovevo conoscere anche un'altra terra, sentirne gli odori e apprezzarne la bellezza. Il mio caro Paco mi ha portata in Spagna; lui, originario di Madrid, aveva scelto come residenza estiva fino a quando era in età lavorativa, e poi come residenza fissa in età di pensione, Villanova Y La Geltrù, poco lontano da Barcellona. Poeta il mio padrino, tutto impegnato nella vita a lavorare il legno, progettare arredi, imparare le lingue, viaggiare e scrivere, anche se non ha mai pubblicato nulla, ma lui le poesie le ricordava a memoria e Garcia Lorca se lo portava sempre con sé. La Svizzera per me è il lavoro dei miei genitori nelle fabbriche. La necessità di mio padre di parlare il tedesco lo aveva portato a frequentare un corso di spagnolo, lingua che conosceva dopo gli anni passati in sud America; ma, dato il passaggio in un altro continente, perché non approfittare della necessità di apprendere una nuova lingua continuando ad esercitare lo spagnolo? E così mio padre, in un corso di tedesco per spagnoli, conobbe il mio padrino.

Dai miei luoghi del passato, arrivata in Italia, vado a vivere nel sud del Lazio, passando dalla mia amata Latina, alla mia più che amata Spigno Saturnia, paese di collina dei Monti Aurunci a pochi km dal Golfo di Gaeta, detto anche Golfo dei Poeti, dagli amici Poeti e quanti che vivendoci o venendoci se ne innamorano. Questi luoghi, oltre alla bellezza storica paesaggistica, conservano la memoria, il profumo, l'essenza dei miei antenati, gente umile, devota alla vita e al lavoro. Io sono tutto questo che mi è stato tramandato da chi mi ha preceduto, indegna erede, ma fiera di loro.



**Da dove nascono le tue poesie?**

Qomt ma niflaħx u erġajt intfajt fuq l-imħadda! Ma flaħtx nibki; bdejt neqred b'leħen miksur sakemm in-nanna Karm ġiet tmissli moħħi u għajtet lil bintha, "Marì, idħol mill-bitħa. It-tifla qamet bid-deni, tgħidx x'taħraq ruħi binti!"

U bilkemm stajt nieħu n-nifs, bi griżmejja ħorox u bi mnieħri misdud għalkollox.

Iz-zija Ċett ġiet m'oħtha ħdejja u ħassejt il-pala t'idhom, waħda wara l-oħra, kiesħa silġ fuq moħħi; u tellajt idi minn taħt il-friex biex bħallikieku nkeċċihom 'il bogħod minni. Kif erġajt ftaħt għajnejja nfittex liz-zija Marì sibt lin-nanna waħedha bilqiegħda maġenbi, tgedwed u ċċekċek bil-kuruna f'idha.

Kif kont ser nerġa' nintelaq fin-ngħas smajt leħen zijieti u nofsni rieqda bdejt nagħraf xi kelma 'l hawn u 'l hinn: tajjar, buqar, il-kitla bil-misħun. Sakemm iz-zija Marì ġibditni 'l fuq inserraħ ma' spallitha biex ressqitli tazza bl-ilma ma' xofftejja. Imma bilkemm stajt nixrob bis-sadda li kelli; ridt nerġa' nintelaq fuq l-imħadda. Minnufih reġgħet daħħlitni taħt il-kutri biex qabdet tneħħili l-qoxra ħoxna li kienet qed tagħlaqli t-toqob ta' mnifsejja bit-tajjar imxarrab fl-ilma fietel waqt li ħallietni minduda b'ħalqi mbexxaq. Kelli ħames snin u għadni niftakarha tniżżel wiċċha ma' wiċċi, bin-nifs tagħha jberridli moħħi!

Ħin minnhom bagħtet lin-nanna iġġib l-inċirata.
Għalkemm kont mgħaxxa bqajt nisma' kollox: il-friskatur tal-enemel jitpoġġa fuq is-siġġu u l-ilma jitferra' mill-kitla għal ġo fih. Smajt liz-zija Marì ċċafċaf fl-ilma, ħassejt liz-zija Ċett terfagħni mis-saqqu, tgħollini biex tniżżilni fuq l-inċirata,
"M'għamiltx pipi taħti zi," għidtilhom kif qabdu jneżżgħuni imma z-zija Ċett kienet pronta bisitni u qaltli,
"Nafu li qtajtha ruħi; ser naħsluk biex tkun nadifa fis-sodda. Illum mhux se tmur l-iskola tas-soru Roża."

Wara li mesħuni bil-fietel u biddluli kollox ħallewni fil-kwiet. U ma smajthomx iduru fil-kamra taz-ziju Ġuż, jaqalgħu u jaħslu u jbiddlu l-firxa tas-sodda mill-qiegħ. Ħassejt biss lin-nanna meta ġiet tgħollili rasi bil-mod biex tneħħili l-imħadda,
"Stenna naqra binti; mhux se ddum mingħajrha," u marret tkompli tgħin 'l uliedha.



**The Sick Girl ta' Edvard Munch (1896)**

Imma kif erġajt stenbaħt sibt ruħi fil-kamra ta' barra, fis-sodda taz-ziju. Jidherli li xi ħin smajthom jimlew il-buqar tax-xaqquf, li s-soltu kien jibqa' vojt ġol-friskatur pariġġu, imdaħħal f'toqba f'wiċċ l-irħama tal-lavaman, b'xugaman abjad mitni fuqu. Ħadd minna ma kien jużah!

"Mur ġib sapuna ġdida Ċett," u leħen ziti qajjimni u għidtilha, "ma rridx noqgħod hawn ġew, hawn taz-ziju", u daqshekk niftakar.

Il-kamra taz-ziju Ġuż kienet l-aħjar waħda fil-meżżanin; bit-tieqa għal barra u dejjem lesta għal dak li seta' jinqala'. Dakinhar kienu basru li fuqhom kienet ġejja waħda kbira u għalhekk kelli noħodlu postu!

Ma nafx kemm wara kienet qajmitni l-ħoss ta' karozza kif waqfet taħt it-tieqa tagħna; smajt il-boxxla tinfetaħ u rajt lit-tabib u liz-zija Marì deħlin fil-kamra. Lit-tabib kont nafu u ma ħadtx gost bih. Wara li messli moħħi, smajtu jiftaħ il-bagalja u jkellimha,
"Marija, it-tifla taf iżżommha l-ħġieġa taħt ilsienha?" staqsieha t-tabib. Ziti kixfitni, dawritni żaqqi 'l isfel u niżżlitli l-qalziet ta' taħt; kellha raġun tgħidlu li ma stajtx inżommha f'ħalqi ladarba ma stajtx nieħu nifs minn imnieħri. Ma nafx kemm dam jistenna li jitla' d-

deni imma smajtu jċafċaf fl-ilma tal-friskatur waqt li xammejt ir-riħa tas-sapuna Lux; imnieħri kien għadu ma leħaqx ingħalaq għalkollox. U leħnu reġa' wasal f'widnejja,
"Carmen, issa tiċċaqlaqx ħalli nara kemm int brava," u ħassejt qarsa f'kuxtejja. Ziti reġgħet dawritni b'żaqqi 'l fuq imma kif qed tgħattini daret lejh u bl-leħen għoli għajtet,
"Attent Dott! tintefax hekk fuqha," u telqet tressaqlu s-siġġu lejh biex qagħad fuqu. Dak il-ħin ma kontx indunajt li t-tabib kien ser jintelaq fuq il-pultruna li titbandal, li kellna ħdejn it-tieqa. Iz-zijiet kienu wirtuha mingħand zijithom Marianna; kienet ilha ħafna tintuża u kellha t-trufijiet taż-żewġ saqajn mittiekla sew fuq wara. Jekk tintefa' bil-goff fuqha kont issib ruħek mal-art!

Bqajt rieqda sakemm waslu z-ziju Ġuż u z-zija Tereż lura mix-xogħol u laqgħathom in-nanna Karm. Il-bieb tal-kamra li jagħti għall-intrata kien miftuħ u għadni sal-lum nismagħha tgħidilhom,
"Tidħlux fil-kamra għax hemm it-tifla," u ftit wara,
"It-tabib għandu jerġa' jiġi għada, biex itaqqabha."

Dak il-ħin indunajt x'kienet dik il-qarsa fuq patatti! Twerwirt u ridt nibki; imma bil-ħanqa li kelli nitniehed biss stajt. Kif semagħani n-nannu daħal ħdejja mill-bieb l-ieħor, messli moħħi u baqa' sieket iħares lejja.

Qaluli li kont bqajt xi jiem mitluqa bid-deni u t-tabib baqa' jiġi jtaqqabni kuljum, biz-zija Marì l-ħin kollu ħdejja tiftali t-toqob ta' mnieħri, lejl u nhar. Imma kif rat li kont bqajt l-istess bdiet titħasseb. Sirt naf li kienet hi, li talbet lit-tabib biex issir konsulta kemm jista' jkun malajr. Dak il-jum stess waranofsinhar, it-tabib reġa' ġie bil-professur miegħu; wara li tkellmu minn taħt l-ilsien bejniethom ziti riedet tkun taf x'kien qed jingħad u l-ispeċjalista qalilha li kien ser jibgħatni ġol-Lazzarett. Kelli d-difterite!



Ladarba telaq il-professur fil-kamra qamet burraxka! Iz-zija Marì nsiet dak kollu li kien jixraq u ma jixraqx; bdiet tagħti fuq wiċċha u tgħolli jdejha ma' wiċċ it-tabib!

"X' biċċa għamiltilna dott? Għax ħallejtha daqshekk hawn? Għandha d-difterite … kif ma ndunajtx… it-tifla se tmutilna," bdiet tgħidlu waqt li tibki u tolfoq!
"U le Marija tgħidx hekk, hawn lit-tifla żammejtuha tajjeb għalhekk …,' imma ma ħallitux jispiċċa, għax reġgħet bdiet tixher u tgħajjat miegħu. Iz-zijiet kellhom rispett kbir lejh; imma din l-aħbar kienet ħasdithom waħda sew. U f'nofs dan kollu jien bilkemm kont naf x'kien qed jiġri.

U qaluli kif it-tabib, aħmar nar qabad jimsaħ moħħu bil-maktur u biex joħroġ xi ħaġa mill-bagalja tiegħu, minflok ma talab siġġu, mar jintefa' fuq il-pultruna li titbandal. F'daqqa waħda z-zija Marì immutat; rat lit-tabib jintefa' lura, semgħetu jaħbat rasu mal-art, b'saqajh it-tnejn iferfru 'l fuq! Iz-zija Ċett li kienet hemm tara u tisma' kollox għinet lil oħtha u bejniethom tellgħuh mill-art; hu kien pront irranġa ħwejġu, qabad il-bagalja mill-art, sellmilhom u telaq 'il barra b'rasu baxxuta.

Sadattant jien għalkemm mitluqa fuq l-imħadda kont indunajt bil-waqa' tat-tabib!

"Kieku kien mument ieħor, min jaf kemm konna nidħku", kienu jfakkruni meta kbirt,
"Imma dak il-ħin ma kellniex moħħ. Id-difterite kienet marda kiefra u bdiet toqtol it-tfal! Tgħidx kemm bkejna malli ħareġ it-tabib, lanqas qatt ma bsarna li kont ser timradilna biha. In-Nannu wkoll kien waqa' fil-muta sakemm domt l-isptar; Alla jaħfirlu missieri bħallikieku kien reġa' ġie f'sensieh u bħalna beża' li stajna nitilfuk!"

Mela l-għada tal-konsulta, mgeżwra f'kutra tas-suf, sibt ruħi fl-ambulanza sejra l-Lazzarett; ħdejja kien hemm ziti Marì. Kif wasalna taqbuni u bdejt bil-banda! Imma bil-ħlewwa kollha wegħduni li ma kinux se jtaqqbuni izjed sakemm indum fl-isptar; u safejn niftakar, żammew kelmthom!

Għalkemm xi snin qabel il-vaċċin tad-'Diftheria' beda jintuża b'suċċess madwar l-Europa, meta l-marda baxxiet rasha bħallikieku ntnesiet, il-ġenituri kienu għadhom jibżgħu u ma jafdawx fit-tilqim. Niftakar liz-zija Marì tgħidli kemm kienet beżgħet meta kellha




toħodni bilfors għat-tilqima tal-ġidri meta kont għadni tarbija; ħasbet li t-tilqima setgħet tmarradni! Ma kienet taf xejn dwar it-tilqim u kif jieħu ħsiebek kontra l-mard.

Fil-bidu tal-ħamsinijiet, meta l-marda waslet hawn Malta messet lil ħafna tfal. Snin wara dit-tilqima bdiet tingħata lit-trabi bil-liġi, ma' żewġ vaċċini oħra: kontra t-tetnu u kontra s-sogħla konvulsiva li nsejħula t-'three-in-one'.

Fl-isptar poġġewni ġo sala kbira mimlija sodod tal-ħadid, bil-ġnieb imtellgħin biex ma ninżlux minnhom, waħda ħdejn l-oħra, mal-ħitan tal-kamra kollha; bit-tfal tampari ġo fihom. Fis-sala kien hemm twieqi kbar għoljin, jagħtu għal fuq il-baħar. Kienu jingħalqu biss meta jidlam. Niftakarni nħares lejn it-twieqi magħluqa u ma nafx jekk kienx ikun ser jisbaħ jew ser jidlam. Kont qisni l-mitlufa; aktarx b'deni qawwi bil-marda fl-eqqel tagħha, tipprova tirbaħni! Imma l-ikel sustanzjuz taz-zija Ċett, kien għinni biex fl-aħħar mill-aħħar nirbaħ jien! Safrattant il-ġlieda ħadet tliet ġimgħat biex tintrebaħ!

Għandi ħafna tifkiriet tat-tliet ġimgħat li qattajt fil-Lazzarett li s'issa għadhom ċari daqs il-kristall!
Kif qlibt għall-aħjar bdejt nitla' bilwieqfa mal-ħadid tal-ġenb tas-sodda nitkellem mat-tfal l-oħra; min kien kwiet u min imqareb u jien kont qisni ċapsa f'karta!

Darba qomt matul il-lejl u kelli bżonn nagħmel pipi. Ma kien jidher ħadd fis-skiet tas-sala u bdejt ngħajjat 'pipi….pipi' u qajjimt lit-tifla ta' maġenbi,
"Agħmel fis-sodda, agħmel taħtek," qaltli biex tgħinni.

Mur għidilha kemm-il pipi kont għamilt taħti sa ftit qabel; u li x-xena ta' ziti turini jdejha ħomor bis-seqi hekk kif niżlet mill-bejt kienet stampata f'moħħi. U tgħidx kemm kont ħassejt meta smajtha twaħħal fil-ħasil tal-firxa tiegħi! Ma kinetx għamlet sew ziti, ħasditni b'dak il-mod, imma waqaft nagħmel taħti mill-għada stess; ma kinetx taf aħjar ziti li tant ħabbitni sal-aħħar ta' ħajjitha. Naħseb li għalhekk fl-isptar bqajt inżommha sakemm meta għollejt leħni n-ners semgħatni u ġabitli l-vasu. Ma ridtx immur lura għall-ħajja ta' qabel u nqum ngħum fil-pipi!

Kull filgħodu kienu jduru magħna jagħtuna l-bajda mgħollija, imqaxxra ftit minn fuq, u kuċċarina magħha; din wara kienu jiġu jiġbruha mal-qoxra vojta. Jien minn dejjem indum niekol u darba minnhom, meta ġew jiġbruhom, kont għadni ma kilthiex kollha. Ħallewni nkompliha imma nsew jerġgħu jiġu u bqajt bihom f'idi.

"Itfagħhom fl-art," qaltli ta' ħdejja li kienet tagħtini ħafna pariri siewja! Imma jien bqajt inżommhom f'idi maħruġa fuq il-friex, u rqadt bihom sakemm xi ħadd ġie u ħadhomli. Stajt smajt darba minnha, imma sibtha bi tqila li nitfa' kollox mal-art.

Kemm domt hemm mat-tfal tampari qatt ma nżilna mis-sodda; ma stajniex nitħabtu. Għax id-difterite mhux taċ-ċajt; fi kliem ħafif nista' ngħid li l-marda tirriproduċi tossini li jekk jimxu fil-ġisem jistgħu joqtluk.

Darba minnhom biex ġarrewna minn sala għall-oħra kellhom jerfgħuna; jien kien fini mhux ħażin u refagħni Pawlu l-fattiga, l-iżjed wieħed twil u mibrum li kien jaħdem hemm! Niftakarhom jgħidulu, "Din għalik Pawl, għax fiha refgħa mhux ħażin!" u għalkemm kont ċkejkna, ma ħadtx pjaċir b'dal-kliem; Pawlu induna li kont weġġajt u beda jkellimni u jiċċajta miegħi sakemm wassalni ġos-sodda fil-kamra l-oħra. Għad għandi quddiem għajnejja l-kurutur twil miżbugħ kollu abjad li kien għaddieni minnu.

F'dis-sala, is-sodda tiegħi inzertat faċċata ta' tieqa kbira; kif inqum bilwieqfa stajt nara l-baħar kulur is-sema jasal sal-blat tal-faċċata. U fuq wara, stajt nilmaħ it-triq bil-karozzi għaddejin. Niftakarni kull meta nilmaħ karozza sewda naħsibha ta' Ġużè; u naqbad nistennieh ġej bis-'sevenseater' maz-zijiet għalija imma dejjem għalxejn. Kont nibki spiss għaz-zija Marì; dit-tieqa kien jonqosni!

Vanna li kienet tiġi taħsel l-art u tmil biex tnaddaf

madwar is-sodda tiegħi, kienet toqgħod tkellimni kuljum u tfarraġni jekk tarani mdejqa. Għalhekk għamilt il-kuraġġ u għidtilha xi ħaġa hekk,
"Il-karozzi ta' wara l-baħar qed idejquni; is-sewda naraha ġejja għalija u ma tasalx. Inti taf meta ser jiġu joħduni d-dar?"

U Vanna fehmet x'ridt ngħid, telqet il-barmil minn idha, ħarġet mill-kamra u kif ġiet lura għajtet lil Pawlu u bejniethom ressquli s-sodda fuq in-naħa l-oħra. U bis-saħħa ta' Vanna l-karozzi s-suwed ma baqgħux jidhru; jien insejthom u sibt il-paċi!

F'naħa waħda tal-kamra, qabel ma tgħaddi għall-kamra l-oħra, niftakar sew li kien hemm xi tliet paraventi bojod miftuħa ħdejn xulxin, bin-nersijiet deħlin ta' spiss warajhom. Dak iż-żmien ma kontx naf x'kienu u l-għala kienu hemm. Imnalla lil Vanna qatt ma kont staqsejtha dwarhom għax warajhom kienu jpoġġu t-tfal fil-periklu tal-mewt.

Sadattant zijieti kien moħħhom li stajt immutilhom minn jum għal ieħor! U z-zija Ċett u z-zija Marì kienu jiġu kuljum, xemx jew xita, wara l-kanċell tal-isptar f'Manoel Island bil-karozza tal-linja. Kellhom raġun jibżgħu għax kienu qed imutu t-tfal.

Mela beda jiġi Pawlu, kważi kuljum b'karta f'idu, u kull darba jagħmilli xi mistoqsija; dejjem waħda ġdida. Tal-ewwel niftakarhom,
"Carmen inti x'kunjomok?" staqsieni.
"Vella," għidtlu, "U ħuk x'jismu?"
"Freddie; imma għadu bejbi. Irrid narah."
"Ħadd ma jista' jidħol hawn lanqas il-bejbi", kien weġibni.

U dak li kont ngħidlu kien jiktbu fuq biċċa karta u jitlaq 'l hemm. Meta kbirt sirt naf li Pawlu kien sar l-aġent sigriet taz-zijiet!
Peres li huma ma setgħux jidħlu fl-isptar minħabba li d-difterite tittieħed, raw kif għamlu biex minn wara l-kanċell imsakkar, isiru jafu jekk kontx sejra għall-aħjar. Għalhekk ftehemu ma' Pawlu l-fattiga u bdew jibagħtuh ħdejja jgħidulu x'għandu jistaqsini. Jekk kien imur lura bir-risposta t-tajba kienu jserrħu moħħhom. Ma kienx biżżejjed li Pawlu jgħidilhom li kont tajba; riedu l-provi biex jemmnuh. Din żgur li z-zija Ċett kienet ħasbitha! Sadattant jien ma kontx naf li kienu jkunu daqstant viċin tiegħi; kieku mur ara x'kont nagħmel.



Lil ommi u 'l missieri kienu avżawhom biex ma jersqux lejn l-isptar minħabba f'ħija ta' warajja. Sadattant zijieti kien moħħhom li jġibuli l-bajd, frott u ħalib tal-bott; u kulma seta' jgħinni biex infiq. Fl-isptar l-ikel kollu li kienu jġibu l-familjari kien jitqassam mat-tfal morda kollha; hekk qaluli zijieti wara li fieqt.

X'mistħija x'qed niftakar! Mela filgħodu kif iqajmuna, in-nersijiet kienu jkunu pronti jippreparawna għall-vista tal-professur. Darba minnhom hu u dieħel fis-sala, jien biss kont għadni fuq il-vażu; fuq is-sodda tiegħi, nidher minn kullimkien. Mhux niekol biss kont indum iżjed mill-oħrajn!

Kif rajthom deħlin kont ser naqbad innewwaħ imma n-ners tas-sala ġiet tgħidli li ma kien ġara xejn. U biex tgħaxxaqha, dakinhar il-professur minflok ma baqa' għaddej bħas-soltu, waqaf quddiemi u staqsieni,
"Carmen, inti trid tmur id-dar?' u jien insejt il-vażu u tbissimtlu!
'Mela kienet ġiet fl-aħħar il-karozza s-sewda!' Żgur li hekk kont ħsibt.

Niżżluni mis-sodda għal fuq is-siġġu bir-roti u daħħluni f'kamra żgħira biex biddluli l-ħwejjeġ. In-nersijiet ġew jarawni sejra u bdew jgħiduli,
"Ara Carmen se tħallina! Ma tridx tibqa' hawn magħna?" u jien tfixkilt,
"Heqq ma nafx," gdibtilhom, "drajt hawn... imma issa rrid immur id-dar maz-zijiet."

Għadni niftakar kemm tfixkilt dak il-ħin. Ma ridtx ngħidilhom li kelli mitt sena nitlaq; huma qatt m'għajtu miegħi u kont inġbidt lejhom! U bdejt nistħi għax ma ndunajtx li kienu qed jiċċajtaw miegħi.
"Fejn hi Vanna u n-nannu Pawlu?" staqsejthom u kif semgħuni ngħid hekk qabdu jidħku u jiċċajtaw



bejniethom. Dak il-ħin tfaċċa Pawlu, u bdew jgħajtulu nannu. Jien ma tajtx kashom, l-aqwa li ħariġni hu bis-siġġu fuq ir-roti fejn erġajt sibt ruħi fl-arja ta' barra nxomm il-baħar. Liz-zija Marì qalilha, "Hawn ara x'ġabilkom fl-aħħar in-nannu Pawl," u ziti saret ħamra nar għax Pawlu kien tampara; kulma kellu troffa bajda li taqa' fuq moħħu.

Insomma dakinhar jien u sejra lura d-dar il-pupu sab ruħu f'idi żgur. Pawlu kien semagħni kemm-il darba neqred għalih. Wara sirt naf li kien qalilhom hu biex iġibuhuli magħhom.

Lura d-dar kellhom jerġgħu jitfgħuni fis-sodda taz-ziju waqt li t-tabib baqa' jiġi jarani ta' spiss; id-differite mhix marda taċ-ċajt.

Pawlu l-fattiga kien ġie jarani xi darbtejn id-dar; meta kbirt sirt naf li mhux lili kien jiġi jara, imma liz-zija Marì. Kien ħa grazzja magħha minn wara l-kanċell tal-isptar waqt li kienet tistaqsih fuqi. Imma z-zija Marì wieħed biss ħabbett matul ħajjitha u dan ma kienx jaħdem fil-Lazzarett!

U dik it-triq li kienet qasmitli qalbi, fuq il-blat wara l-baħar kaħlani, bil-karozzi l-ħin kollu għaddejin minnha … twegħedni li daqt kienu ser jiġu għalija, hija Triq l-Assedju l-Kbir, li tinżel mill-Furjana u timxi fuq in-naħa tal-baħar faċċata tal-isptar.

Kull darba li ngħaddi minnha ma jtinix li ma nħarisx lejn l-Isptar fejn kont ħadt saħħti lura, wara li għext tliet ġimgħat 'il bogħod miz-zijiet u min-nanniet.

U s'issa 'Il Lazzaretto' li tant laqa' morda ġo fih, jinsab minsi u mitluq! Mur għidilna kemm għaddew nies bil-mard li jittieħed mill-kmamar tiegħu, minn mindu beda jinbena mill-Granmastru Lascaris, fuq 'Manoel Island' iktar minn tliet mitt sena ilu.

Fi ċkuniti kien laqa' lili wkoll; u żammni sakemm fiqt. Ma nixtieqx narah jiġġarraf u saħansitra jasal biex imut.

## SUNETT

Kif omm xoffiet il-bieqja tidlek bl-għasel
biex tisqi 'l binha żgħir id-duwa ħarra
li t-tabib amar w għal fejqanu għażel;
tqarriq meħtieġ, bla jaqta' l-ħniena barra.

It-tifel meta jixrob din id-duwa,
fil-bidu b'togħma ħelwa, imma wara
jinfexx jitbekka, wiċċu jxidd il-kruha.
B'daqshekk, wara xi żmien, fejqanu ġara.

Hekk drabi l-kbar ukoll; bħal din il-ġrajja
għaddejna minnha f'moħba ta' żegħilna,
bla ntbaħna xejn li se' ssebbħilna l-ħajja,
fil-waqt, xortina ħsibna l'hi qalila.

Niftakar f'qawl li darba qaltli l-ġara:
"Kultant xi għawġ jisfalna ġid flok ħsara."

**BALDASS ARMATO**
**(minn *Ħsejjes fil-Moħħ. Mitt Sunett*, Gozo Press, Għajnsielem, Għawdex, 1992)**

## NISKANDALJAW

Ftaħt fetħa w ħallejt il-lejl ilaħlaħna.
Xtaqt u ma stajtx nolfoq ġol-kobba mdallma.

Jien immiss id-dabra dawl fuq il-ħitan.
Mid-dabra dawl tneħħili s-suba' w tbusu.

Ma waqaftx tħares f'għajni u staqsejtni:
"B'liema lsien niskandaljaw x'hemm bejnietna?"
Kaxkartek u lmaħtek bla wiċċ fuq mitraħ.

"Inti fis-sakra u tkellimt bil-Malti;
jien m'iniex u qed inkellmek bil-Malti."

Ħa nintelaq ħdejk u ngħib fin-ngħas miexi.
Forsi ma tibqax tħares b'ħalqek miftuħ.

"Orqod, raġel." Għada toħroġ mis-sakra
malli d-dija tal-għodwa taqta' f'ħolmtok.

**CARMEL SCICLUNA**




## "INT SKITT GĦAL DEJJEM IŻDA S-SKIET JITKELLEM"

### Kitba ta' Sergio Grech

**Sergio Grech bi ftit ħsibijiet dwar il-pubblikazzjoni *Tislima lil Kristu Sidna Quddiem il-Kurċifiss* ta' Oliver Friggieri bi studju ta' Terence Portelli, ippubblikata minn Reliġjon u Ħajja (RUĦ), 2021.**

F'Novembru tas-sena 2020, Malta bkiet il-mewt tal-poeta, rumanzier, kritiku letterarju u ħassieb Oliver Friggieri. Fost l-oħrajn, Friggieri ġie deskritt mill-istudjużi u l-ammiraturi tiegħu bħala ħassieb bi profil nisrani, poeta li rribella kontra d-diviżjoni politika u fuq kollox bniedem tan-nazzjon. Il-Professur Charles Briffa kien iddeskrivieh bħala s-suċċessur denju tal-poeta nazzjonali Dun Karm.

Wisq probabbli fiż-żmien li ġej fis-suq Malti se jkollna diversi xogħlijiet li jistudjaw lil Oliver Friggieri u forsi wkoll min jaf xi xogħlijiet tal-istess Friggieri li baqgħu ma rawx dawl l-istampa għal raġuni jew oħra.

Ftit xhur wara mewt Oliver Friggieri qed naraw l-istampar (mill-ġdid) tal-poeżija ta' Friggieri *Tislima lil Kristu Sidna Quddiem il-Kurċifiss* bi studju dettaljat ta' Dr Terence Portelli, lettur anzjan fil-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta.

Kollu minnu li din mhix l-ewwel darba li qed tkun ippubblikata l-poeżija li poeta oriġinarjament kitibha lejn it-tmiem tat-tieni millennju u l-bidu tat-tielet. Kienet dehret f'antoloġija tiegħu stess u min kien midħla tal-poeta jaf li hu nnifsu kien jieħu gost iqassam kopji tal-poeżija.

Kif jgħid Portelli, donnu kien hemm xi ħaġa speċjali għall-poeta Furjaniż f'din il-poeżija u kien il-gost tiegħu jxerridha kemm jiflaħ mal-pubbliku qarrej. Personalment dejjem laqatni wkoll il-fatt kif dil-poeżija partikulari u l-ġabra ta' ħajki tiegħu, Friggieri ppreżentahom bl-aċċenti.

Imma din il-pubblikazzjoni tal-poeżija li qed nikteb dwarha hawn aktarx hija waħda mill-ftit drabi li qed naraw il-poeżija Maltija ppreżentata f'pakkett sabiħ u li jħalli togħma tajba.

Il-Kurċifiss minkejja li qed ngħixu f'pajjiż fejn is-sekularizzazzjoni qed tagħmel ir-rebħiet konsiderevoli tagħha kuljum, għadu simbolu pjuttost popolari u għal taqsima ta' nies mill-popolazzjoni lokali għad għandu tifsira u identifikazzjoni.

Forsi mhux b'kumbinazzjoni li fix-xhur li għaddew rajna anki kotba dwar il-Kurċifiss ta' Ġieżu kif ukoll dak tal-Kapuċċini fir-Rabat Għawdex. Dan barra ktieb dwar l-istatwa tar-Redentur meqjuma fil-Bażilika tal-Isla.

Il-ktieb *Tislima lil Kristu Sidna Quddiem il-Kurċifiss* ġie ppubblikat minn Reliġjon u Ħajja, id-dar tal-kotba tal-Franġiskani Konventwali taħt il-gwida ta' Patri Paul Darmanin li matul it-tmexxija tiegħu ġab ħafna innovazzjonijiet għall-ktieb reliġjuż Malti. Reliġjon u Ħajja oriġinarjament taf l-enerġija tagħha lil Patri Alessandru Bonnici li qalb il-kolletturi tal-Melitensia jafuh l-iktar għax-xogħlijiet tiegħu fuq l-Inkwiżizzjoni kif ukoll fuq l-istejjer tal-parroċċi. Hu sabiħ tosserva li l-wirt ta' Bonnici baqa' ħaj u sab min kompla joħlom u jwelled.

Fid-daħla tiegħu għall-ktieb *Tislima lil Kristu Sidna Quddiem il-Kurċifiss*, Darmanin ifisser li l-għan tiegħu bħala pubblikatur kien li jippreżenta ktieb li jgħin lill-individwu fil-vjaġġ tiegħu tal-fidi. Vjaġġ ta' fidi fis-Salib li kellu sehem ewlieni fl-istorja tal-fidwa. Jien

ngħid li l-ktieb imma hu iktar minn hekk. U forsi f'dan iż-żmien ta' pandemija li heżżitna minn ġewwa jaf iservi ta' eżami ta' aħna minn aħna u aħna fejn sejrin f'daż-żmien vag li qed ngħixu fih. Anki jekk quddiem il-ħerba li qed tħalli warajha l-pandemija ma nistgħux ħlief nimmutaw. Imma dan hu xogħol li fuq kollox jitkellem ukoll dwar is-skiet. Is-skiet imma li donnu hu wkoll kummentarju.

Li jispikka f'dan il-każ huwa kif Portelli rnexxielu fil-fehma tiegħi jsib iktar minn mezz wieħed u forsi alternattiv ta' kif iwassal din il-poeżija li kollox ma' kollox hi waħda profonda lill-qarrej tiegħu. Fil-fatt, hu interessanti li l-poeżija qed tkun ippreżentata fost l-oħrajn silta silta u magħha hemm kwadri artistiċi li jirrappreżentaw ix-xeni mill-passjoni – dawk ix-xeni li huma familjari man-Nisrani irrispettivament hux wieħed li jgħixha l-fidi jew le.

Dal-ktieb donnu qed jissuġġerixxi li hemm toroq differenti li qarrej jista' jaqbad biex jasal għall-fehim tal-poeżija. Kemm għal dak li għandu idea tal-kritika letterarja u allura barra l-poeżija għandu wkoll l-istudju dettaljat ta' Portelli u għal min forsi hu sajjem minn din id-dinja ta' termini letterarji li fuq kollox kienu parti mill-istudju ta' Friggieri jagħżel il-poeżija illustrata bi kwadri, li fil-maġġoranza tagħhom huma barokki – xenarju li l-Maltin huma familjari miegħu – biex iduq u japprezza l-messaġġ tal-poeta.

Portelli li f'dan il-ktieb jilbes diversi kpiepel ta' editur, studjuż u disinjatur jagħżel metodu antik ta' pedagoġija – il-pittura. Minbarra l-poeżija, Portelli inkluda wkoll id-disinji li kien għamel Friggieri nnifsu biex jakkumpanjaw il-poeżija anki minħabba l-emmna tal-poeta Furjaniż li l-Kurċifiss jintrabat mas-siġra tal-ħajja.

Terence Portelli jippreżenta studju dettaljat ħafna dwar il-poeżija bil-bosta referenzi u bil-lista biblijografika twila. Hu ħaddem diversi għejun għall-istudju tiegħu. Minn Friggieri sa Ratzinger. Minn Ravasi sa Serracino Inglott. Ħabbat diversi bibien interdixxiplinarji u l-għejun tiegħu minbarra l-letteratura huma wkoll it-teoloġija, l-antropoloġija, l-arti u l-filosofija.

Portelli jistudja d-99 vers tal-poeżija, linja linja, u tista' tgħid li imbarka fuq vjaġġ ifittex ruħ il-poeta mgħobbija bil-piż tat-tbatija f'riġlejn il-Kurċifiss.

Dr Portelli fost l-oħrajn jagħmel paralleliżmi ma' Dun Karm, li fi kliemu hu l-missier simboliku ta' Oliver Friggieri minħabba bosta studji li Friggieri għamel ta' Dun Karm. Għal Portelli din il-poeżija *Tislima lil Kristu Sidna Quddiem il-Kurċifiss* hija importanti għal Friggieri daqskemm *Il-Jien u lilhinn Minnu* kienet importanti għal Dun Karm. Terence Portelli jpoġġi l-poeżija *Tislima lil Kristu Sidna Quddiem il-Kurċifiss* fil-kuntest tal-kitbiet l-oħrajn ta' Friggieri u josserva kif l-istess Friggieri wasal għall-verżjoni finali tat-test wara diversi interventi fuqha.

Portelli jurina liema ħassieba huwa jħoss li influwenzaw l-iktar lil Friggieri, l-eżistenzjalista nisrani, u joffri stħarriġ tematiku u stilistiku tal-poeżija. Il-kritiku jidħol ukoll fl-aspett tas-skiet li Friggieri jindirizza fil-poeżija u jirreferi għall-kummenti tal-Papa Benedittu XVI meta rrimarka li quddiem Auschwitz, il-kamp infami tal-konċentrament, tista' tirrikorri biss għas-silenzju u s-silenzju f'dak il-każ, skont l-eks Kap tal-Knisja Kattolika, mhu xejn għajr bikja mill-qalb għal Alla.

Id-daqqa ta' Portelli tinħass anki fil-qoxra u t-tip ta' qoxra li ntgħażlet għal dan il-ktieb. Sa fuq l-ispina tal-ktieb tidher il-pala tal-id imsammra u dak id-dettall ma ġiex b'kumbinazzjoni. Nemmen li Ruħ għandha tfittex iktar testi letterarji u twassalhom lill-pubbliku għax finalment il-poeżija titkellem mar-ruħ fil-kamra tal-ġewwa. *Tislima lil Kristu Sidna Quddiem il-Kurċifiss* hu xhud ta' dan.

### ĦAJKU

Biex tisma' 'l Alla
Kull meta jkellmek, darri
Lil qalbek tiskot.

Imut poeta,
u l-poeżiji tiegħu
Jikbru fuq qabru.

Tinsiex, niltaqgħu
F'kull każ fil-bieb tal-Ġenna,
Għażiż kelb tiegħi!

**OLIVER FRIGGIERI**




**RAGEL BIL-GHAQAL TA' ĠUŻÈ GALEA (it-tieni parti)**

**Kitba ta' Victor V. Vella B.A., M.A.**

## Ir-Rumanz

Rumanz fih izjed minn aspett jew aspetti tan-natura. Rumanz hu dinja żgħira, xena kbira tal-ħajja li fih numru ta' ġrajjiet u karattri, li jaħdmu, jaħsbu li jieħdu parti fi storja ta' ferħ jew ta' biki, li l-awtur laqqagħhom flimkien biex juru, jgħallmu, insomma jieħdu parti f'xi ħaġa, serja, tad-daħk jew newtrali. Dan l-awtur irid jagħmlu bil-kliem u b'ċerta tattika li jżommok attent, interessat u b'hekk tkompli timxi ftit passi miegħu. Sakemm tasal fl-aħħar u tħossok sodisfatt li qrajtu u li apprezzajt u tista' wkoll tfaħħar jew tikkritika lil dak li qrajt.

Dan l-awtur jiksbu l-ewwel ħaġa bl-istorja li jkun qiegħed jirrakkonta, kif jagħzel l-istil ta' kif jirrakkonta: jaf jibda mil-bidu u jibqa' sejjer sat-tmiem. Jaf jibda minn 'issa' jew il-prezent u jmur lura u jdur ċirku sħiħ meta jerġa' lura minfejn beda, bis-sistema ta' *flashback*. Jista' jintilef fid-dettalji ... Jista' jaċċenna għal dak li ġara... Jista' jħalli l-karattri mhux biss jieħdu parti imma juru huma stess x'inhuma jħossu, u għax għamlu li għamlu u ħadu certi deċiżżjonijiet. Jista' jintilef fid-dettalji li ma jwasslu mkien: jista' wkoll jagħti dettalji biex juri li jaf fuq xiex qiegħed jitkellem, dettalji ta' oġġetti, ta' fatti, ta' ġrajjiet, ta' ħsibijiet li jkunu għaddejjin mill-imħuħ tal-karattri jew iħallihom 'jaħdmu' fl-istorja u juru jew iwettqu l-ħsibijiet tagħhom.

Fuq kollox l-awtur irid juri ċerta psikoloġija biex jifhem il-karattri u jagħrafhom minn xulxin u wkoll u fuq kollox irid juri ċertu bilanċ fuq kemm jgħid fil-bidu u kemm se jikxef x'ħa jagħmlu fil-medda tar-rumanz. Importanti hu li l-karattri ma jkunux ippreżentati bħala figuri tal-kartapesta imma li barra dak li jagħmlu, huma bnedmin li jaħsbu, li jkunu tad-demm u l-laħam. Imbagħad hemm dak li nsejħulu s-setting jew l-ambjent jew fejn u meta l-azzjoni se ssir. Importanti wkoll dan l-ambjent x'parti se jilgħab fl-istorja. Jista' jinjorah għalkollox u forsi jdaħħlu 'bil-moħbi' jew b'mod sottili fid-djalogu tal-karattri. Jista' jaċċenna għalih mingħajr ħafna dettalji għax jistenna li l-qarrej għandu idea tajba taż-żmien u tal-ambjent fiżiku fejn u meta qeigħda ssir l-istorja. Semmejt il-qarrej u jien stess inhoss li kultant fil-kitba tiegħi għal xi qarrejja tajt xi dettalji li setgħu dejqu għax huma familjari. Għal oħrajn jista' jkun li ma tajtx dettalji biżżejjed biex noħloq dak li kien komuni u familjari għalihom.

Mhux ta' b'xejn Ġużè Galea jibda r-rumanz tiegħu *Raġel bil-Għaqal* billi fl-ewwel tliet kapitli jagħtina l-ambjent kemm tal-post fejn kien jgħix u jistudja imma wkoll l-ambjent tal-filosfija jew tal-ħsibijiet ġenerali jew prevalenti f'dak iż-żmien. Ippreparana għal dak li se jsehh fir-rumanz billi mill-ewwel iwissina: 'Dan il-ġlied kien jinqala' ta' sikwit' kemm fil-bidu fil-Kunsill Popolari, kif ukoll iktar tard meta l-qiegħa kienet saħnet. Interessanti li l-istudju universitarju kien isir l-Italja u l-awtur idaħħal ukoll l-ambjent xjentifiku, meta insibu fit-tieni kapitlu li 'xi għorrief ... kienu diġà bdew jintebħu li bosta mill-ħwejjeg li jiġru fid-dinja jkunu mqanqlin minn xi qawwa li tmexxihom hi bil-moħbi.'

Barra dan kollu li semmejt diġà hemm l-aqwa fattur



Ġużè Galea (1900-1978)

tal-kitba li f'rumanz taraha u tgawdiha izjed għax hemm it-tul. Dan hu l-istil li juza l-awtur fir-rumanz kollu. Wieħed mill-elementi tal-istil ta' awtur hu li fih (jew ma fihx) l-aqwa ħaga: li hu ċar biżżejjed u jiftiehem mill-ewwel biex tifhem l-awtur x' irid jgħid. Kultant, speċjalment meta f'dan il-każ, l-awtur ikun jiddeskrivi l-maltemp u d-dgħajsa u l-partijiet tagħha, juża kliem li mhux familjari ħafna għax l-awtur ma riedx jissagrifika l-eżattezza għall-familjarità tal-kliem. Anzi wera li jaf fuq xiex qiegħed jikteb u x'qiegħed jiddeskrivi. Għalkemm ma jintilifx fid-deskrizzjonijiet, l-awtur jaghtina dettalji biżżejjed biex lilna jasal jagħtina stampa ċara ta' dak li qiegħed jiġri u dan jagħmlu b'ċerta sengħa, paċenzja u esperjenza. Tinħass u tidher li l-proża hi adattata għas-suġġett u wkoll li tiftiehem mingħajr tqanzih waqt li tkun taqraha. Fuq kollox l-istil jiffitja tajjeb mal-istorja u mhux jissupera bil-ħafna ndħil ta' metafori u tqabbil u x'naf jien li jistghu jaljenawna mill-mixja tal-istorja. Ċerta proża, speċjalment dik li tintuża f'xi diskors, timmira biex tqanqlek u tinforma lill-qarrej jew semmiegħa... Proża bħal dik ikollok taħseb mingħajr ma trid iktar f'min kitibha milli fil-kitba nnifisha.

Tista' tgħid li waqt li tkun taqra dan ir-rumanz tħossok li tkun qiegħed tara traġedja jew film fuq l-iskrin. U l-awtur, bħad-diretturi tal-films, ma jidhirx: jidhru biss f'dak li jiktbu jew li jippreżentaw, li f'dan il-każ jidher ċar u b'saħħtu fl-istil tieghu, l-iżjed kif l-awtur ifassal is-sentenzi, kif jagħżel il-kliem, kif juża d-djalogu u jagħtina d-deskrizzjonijiet sew ta' xeni sew ta' attività bħal ġlied, li kollha jagħmlu l-ktieb aħjar mill-film għax mal-għajnejn hemm ħafna xi jpaxxi l-moħħ u l-qalb u fl-istess ħin, iġiegħlek tħaddem l-immaġinazzjoni.

## IL-QNIEPEN

Fil-kampnar jinsabu mdendla
qniepen kbar u oħrajn żgħar
dejjem lesti biex jindaqqu
skont kif jordna s-sagristan.

Maż-żerniq il-jum isellmu
li bħall-ward mar jiftaħ ġdid.
Bħall-bħur, id-diwi 'l fuq jitla'
lejn Alla, ħallieq u Sid.

Nistħajjilhom leħen Alla,
ma' kull għodwa jrid isellem.
Lill-bnedmin imur jistieden,
bil-ħlewwa ġo daru jkellem.

Ħelwin ħafna l-ilħna tagħhom,
xħin tismagħhom mill-kampnar
bl-ilsna tagħhom iwassluna
ħin it-tmienja u nofsinhar.

Hemm mill-għoli toħroġ għana,
ta' sett qniepen ferm sabiħ.
Kif jinġibed l-ewwel tokk,
kemm ħamiem itir qatigħ!

X'ferħ inħoss filgħodu kmieni,
meta d-daqq nisma' mill-bogħod,
qed jitbandal f'żiffa ħelwa,
daqqa mgħaġġel, jew bil-mod.

Doqqu qniepen, mela doqqu,
f'jum il-festa tat-titular,
bl-iħna tagħkom, imlew b'hena,
din il-belt u ta' madwar.

Ħdejn l-imgħoddi, id-daqq naqas
dawk li jdoqqu naqsu sew.
Kien għalhekk dil-poeżija
biex did-drawwa le ninsew.

**SAVIOUR CAMILLERI**




## AKTAR STUDJI KRITIĊI MILL-PINNA TAL-PROF. CHARLES BRIFFA

**Apprezzament ta' Alfred Palma**

Ftit tax-xhur ilu, Dr Andrew Sciberras ġabar, ħejja u pproduċa t-tieni volum ta' studji kritiċi ta' Tarċisju Zarb. Studji kritiċi bħal dawn huma bżonnjużi u tabilħaqq siewja, għal kull min jinteressa ruħu fil-letteratura ta' pajjiżna, kemm lill-Maltin infushom kif ukoll lill-barranin, mhux biss il-letteratura Maltija per se, fil-ġeneri kollha tagħha, iżda wkoll lill-kittieba, poeti, awturi u tradutturi nfushom li, tul ħajjithom u tul is-snin, għenu (bosta drabi b'sagrifiċċji kbar!) biex il-Letteratura Maltija tistagħna u tasal tħabbatha mal-Letteratura dinjija.

U issa, Andrew Sciberras għadu kif ipproduċa l-Ewwel Volum ta' Studji Kritiċi tal-Prof. Charles Briffa; volum massiċċ ta' 542 faċċata, ippubblikat b'mod tassew eleganti mill-Progress Press.

U bħall-Istudji Kritiċi ta' Zarb, dawn ta' Briffa se jżidu teżor ieħor letterarju f'pajjiżna, ta' siwi enormi għall-istudjużi kemm tal-lum kif ukoll dawk li għad jiġu warajna, biex jixtarru aħjar il-karattru, is-sentimenti u l-arti Maltija permezz tal-kittieba u poeti nfushom.

Il-ktieb jiftaħ b'tagħrif interessanti u dettaljat dwar Prof. Briffa li l-ħidma dedikata u professjonali tiegħu fil-qasam letterarju Malti għal bosta snin żiedet tagħni diversi oqsma vitali li jsawru l-letteratura tagħna. Imbagħad, insibu Introduzzjoni minn Dr Sciberras bit-titlu "Il-Metodoloġija ta' Charles Briffa fil-Kritika Letterarja", kelmtejn li jidħlu fil-fond dwar dak li l-qarrej ikun se jsib f'dawn l-istudji.

U mbagħad jibdew l-Istudji Kritiċi nfushom! L-ewwel studju jġib l-isem ta' "Id-Diwi tal-Ħajja – Daħla għal *Il-Poeżija Maltija* (It-Tieni Volum)", antoloġija miġbura minn Andrew Sciberras li hi kontinwazzjoni ma' dik tal-mibki Prof. Oliver Friggieri. U jsegwu 37 kittieb, poeta u traduttur ieħor, f'sekwenza alfabetika minn Attard sa Cremona. U, b'mod tassew intimu u studjat, il-Kritiku jidħol fil-ġewwieni ta' kull persunaġġ imsemmi b'sengħa professjonali mill-aqwa, jislet xogħlijiet tal-istess persunaġġ biex bihom u permezz tagħhom jixtarr individwalment lill-persunaġġ innifsu. U hawn joħorġu sbieħ, varjati u brillanti l-ilwien li jkun uża kull kittieb, poeta, traduttur analizzat fil-ħidma tiegħu fil-qasam letterarju Malti. Kull persunaġġ huwa analizzat b'mod kważi psikoloġiku fi ħsusu u s-sentimenti tiegħu kollha: personali, soċjali, reliġjużi u, essenzjalment umani!

Il-ktieb jagħlaq b'tagħrif interessanti dwar Dr Sciberras innifsu bħala l-Editur ta' dawn l-Istudji Kritiċi.

Dan l-ewwel volum, kif għidt hawn fuq, jittratta awturi, kittieba, poeti u tradutturi bil-kunjom mill-A saċ-C, u għalhekk kull min se jakkwistah żgur li se jistenna bil-ħerqa l-ħarġa tat-tieni volum... u l-volumi ta' warajh. Il-kultura in ġenerali tistagħna b'kotba bħal dawn. Kif għidt, il-Letteratura Maltija hija għanja, sabiħa u voluminuża, u tħabbatha mal-aqwa letteratura dinjija, u dan ħajr għal dawk kollha li b'xi mod għenuha u għadhom jgħinuha tissokta tistagħna, tikber u tisseddaq! U kotba bħal dawn huma wkoll monumenti dejjiema, kemm għal kull min isawwarhom kif ukoll għal dawk kollha li jidhru fihom!




## *OTELLO* TA' SHAKESPEARE BIL-MALTI MINN ALFRED PALMA

**Jikteb Rodrigu Bovingdon**

Wieħed ma jistax ma jitfantasx kull meta tiġi f'idejh xi opra letterarja tradotta għall-Malti mil-lingwi li tant għandu ħakma soda tagħhom it-traduttur Alfred Palma. Dan l-artist tal-kelma umana għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin, ilu jarrikkixxi r-repertorju Malti b'opri letterarji ta' wħud mill-aqwa awturi taċ-ċiviltà, fosthom ta' min isemmi lil Dante Alighieri, lil Shakespeare, Voltaire u saħansitra l-Irlandiż Oscar Wilde. Ilkoll għadma iebsa sew fl-applikazzjoni tal-lingwa daqskemm ieħor fl-inserimenti tal-ħsibijiet u nozzjonijiet kumplessi fil-lessiku magħżul tagħhom.

Biżżejjed wieħed isemmi biss l-ismijiet ta' dawn l-awturi ċelebri biex jitkexkex għall-ħsieb li jaqlibhom għal-lingwa antika, għanja u sabiħa tagħna l-Maltin. Frattant Alfred Palma huwa l-ewwel Malti li wasal itemm l-opra sħiħa tad-*Divina Commedia* waqt li fl-istess ħin żamm ir-rima u l-metrika oriġinali mingħajr ma dennes it-tifsir tal-poeta kbir tal-lingwa Taljana. Hekk ukoll għamel meta qaleb l-opri drammatiċi kollha ta' William Shakespeare minn lingwa Tewtonika għal dik Semija tagħna! U xejn inqas meta kkommetta ruħu jaqleb saħansitra lil Voltaire mill-Franċiż!

Issa għandna f'idejna d-dramm Shakespearejan *Othello* jgħaxxaq l-ixkafef tal-arkivji u l-libreriji Maltin billi żied ir-repertorju letterarju tagħna l-Maltin fis-sinjurija ta' din l-aħħar żieda minn idejn u moħħ Alfred Palma.

Peress li jiena għamilt numru ta' snin traduttur uffiċjali ta' bosta gvernijiet Federali u Statali fl-Awstralja kif ukoll kont naqdi diversi entitajiet oħrajn bħal libreriji, dipartimenti tas-saħħa, edukazzjoni, welfer, djar, banek kummerċjali, skejjel u kulleġġi, qrati u bosta oqsma oħrajn privati, naf ben tajjeb kemm huwa eżerċizzju diffiċli li taqleb opra ta' ħsieb minn lingwa għal oħra. Fil-każ tiegħi dan ix-xogħol kien aktar tedjanti għaliex kien dejjem xogħol tekniku u mhux pjaċevoli bħal opra ta' arti kbira. U dak iż-żmien ma kellniex il-kumdità ta' dizzjunarji tajba Maltin!

F'li tana Alfred Palma matul is-snin u issa dan l-aħħar fil-qlib tal-*Otello* ta' Shakespeare naraw il-kapaċità lingwistika u artistika ta' dan it-traduttur Malti bi bravura waħda wara l-oħra.

Fil-każ tal-lum wieħed josserva b'għaġeb mhux żgħir il-ħila estetika kif ukoll dik teknika fejn b'rispett kbir lejn il-lingwa materna tiegħu l-Malti, Palma ma jċedix it-tiftixa tiegħu għall-kelma l-aktar adattata fil-Malti biex idaħħal bl-addoċċ, b'dispett u bi traskuraġni, kelma meħuda minn xi lingwa barranija li ma tkun taqbel xejn la mal-fonoloġija tal-Malti u lanqas mal-binja morfoloġika bħalma qegħdin jagħmlu bi traskuraġni fi żmienna tant kittieba b'dannu ikrah lil-lingwa Maltija tagħna.

Anzi agħar minn hekk b'dan l-użu kundannabbli fil-qlib għall-Malti minn lingwi oħrajn, mhux biss iżarżar fil-widna Maltija għal dawk li veru jħobbu l-Malti, spiss it-traduzzjoni żgarrata tispiċċa jew ma tfisser xejn sensibbli fil-lingwa tagħna, inkella tispiċċa tagħti tifsira maqluba! Kulħadd jiftakar il-ħmerijiet ta' traduzzjonijiet li fil-bidu bdew ħerġin b'Malti ħażin mill-Unjoni Ewropea li kienu jħammru wiċċ min jaf il-Malti tajjeb. Allura għandna nissoktaw insoddu



Alfred Palma

widnejna għall-kritika ġusta li mhijiex titlob għajr rispett lejn il-lingwa tagħna u lejna nfusna bħala Maltin kburin bil-lingwa antika, għanja u tant ħelwa li hija tagħna bħala nazzjon kolt?

Hawnhekk għandna xempju ħaj ta' Malti sabiħ u għani fit-tiswira tiegħu, ħafif biex jinftiehem u msawwar b'kapaċità ta' traduttur professjonist. U nħeġġeġ lil dawk kollha li jħobbu jaqraw Malti tajjeb, ma joqogħdux lura milli jżuru l-librerija lokali tagħhom biex jitgħaxxqu jaqraw ġmiel ta' storja romantika antika *Otello* li f'bosta lingwi oħrajn kisbet reputazzjoni mondjali bil-kif.

Il-bravu Alfred Palma għal darb'oħra wriena l-ħila kbira li jippossedi fl-użu tal-erba' lingwi ħbieb tiegħu li barra l-Malti jinkludu t-Taljan, l-Ingliż u l-Franċiż, u li b'hekk qiegħed jissokta juri, f'wiċċ il-qirda li x'uħud mill-kittieba Maltin qegħdin jimponu fuq il-Malti bla ħtieġa u b'dannu lin-nazzjon tagħna bħala tali, li frattant il-Malti ta' llum huwa kapaċi jilħaq, bħalma dejjem kien, fl-irkejjen kollha tal-immaġinazzjoni umana li tinkludi kull forma u stil ta' lingwa mingħajr ma ndakkruh bl-addoċċ u bla ħtieġa.

## ID-DINJA GĦAJJIENA

Hija xamma apokalittika
jew sejħa għat-trombi ta' Ġeriko,
id-dinja għajjiena qiegħda tistaqsi
b'rasha tqila sserraħ fuq idha
tħares ħosbiena lejn il-ħassieb bħalha għajjien
ġewwa Jardin de Museè Rodin.

Bil-maskra ma' wiċċha d-dinja mifxula -
ma tafx hijiex dik li kulħadd kien jafha sal-bieraħ -
tinsab tiddubita f'nofs ta' battalja
tiflaħx tibqa' tkun qalbiena tissielet sal-aħħar battuta
u tisraq il-ħars u l-qalb ta' Auguste Rodin ta' żmienna
u jiskolpiha b'rasha merfugħa u jqegħedha fil-għoli
rebbieħa f'nofs il-belt kapitali.

Sadanittant l-erbat irjieħ tagħha ħarsithom imsammra
fuqha.

**MARIO ATTARD**

## BĦAL FJURA

Bħal fjura li tgħolli wiċċha
biex titferraħ u titmantna mix-xemx,
bħal siġra li tifrex għeruqha
biex titbierek u tissaħħaħ mill-art,
bħal għasfura tal-passa li tintuwixxi
meta u lejn fejn għandha tittajjar,
bħal foka ħerqana mrieġa
mis-sejħa msaħħra tal-baħar,
bħal-baħar li jitqanqal u jitħarrek
fidil għar-ritmi tal-qamar,
bħal kewkba mnebbħa
ddur maċ-ċentru tal-galassja –
hekk qalbi tħoss li trid tqarreb
lejn it-tokk u l-ġibda ta' qalbek ...

**MARLENE SALIBA**





## TIFKIRA OLIVER FRIGGIERI

*Mhix l-ewwel darba li poeta jikteb poeżija ta' tifħir jew ta' ħajr lil poeta sieħbu ieħor. Dan rajnieh isir bejn il-poeti l-kbar tal-letteratuta Maltija. Ftit iktar minn erba' snin ilu, il-poeta Malti-Awstraljan Frank Zammit li ilu joqgħod l-Awstralja, fi New South Wales, għal deċennji, għoġbu jikteb poeżija lil Oliver Friggieri. Din intlaqgħet tant tajjeb mill-mibki Professur u Poeta li kiteb lura ittra ta' ħajr lil Frank Zammit ftit jiem wara. Minkejja d-distanzi twal bejn il-gżejra Malta u l-gżira-kontinent tal-Awstralja, il-poeżija rnexxielha żżomm pont ta' kuntatt bejn żewġ ulied tal-istess omm patrija. Poeżija u ittra f'dan il-każ jagħmlu parti mill-wirt kulturali u letterarju ta' dan pajjiżna li minkejja li ċkejken fiżikament u bħala popolazzjoni, żgur li mhux nieqes mit-talent.*

## LILL-PROFESSUR OLIVER FRIGGIERI

Le, mhux l-għerf kbir
ħaj u ppriservat f'moħħ mingħajr fruntieri
jew l-elokwenza tferra'  bħal nixxiegħa
ilma ta' ġid mixtieq
li jsaqqi l-oqsma għatxana
f'art ta' ħamrija verġni
u f'wileġ ta' mergħat bikrija.
Dawn huma tiegħek, Oliver,
iżda lilek qatt ma serquk
mill-umiltà u r-rażna...
Le, mhux kolonni u palazzi rikki
li jgħammxu l-għajnejn
u jħallu l-qalb kiesħa u battala,
mhux l-ilbies fieragħ,
mhux il-ftaħir bla rażan –
dawn qatt ma xirfu lejn ħsiebek,
qatt ma kienu ħbiebek,
u għalhekk mhux dawn ġibduni lejk
sa mill-ewwel darba, ilu ilu,
li għajnejk u għajnejja ltaqgħu
u dlonk fehmu r-rabta
li tgħaqqad, twennes u tferraħ
bla tistaqsi l-għaliex...
iżda kien il-bieb tiegħek dejjem miftuħ,
lest biex tilqa' 'l-kbir u 'ż-żgħir
mingħajr appuntamenti:
il-bieb miftuħ: għelm ta' qalbek imberrħa
li fehmet bla ma staqsiet,
li ferħet għax feraħ ħaddieħor,
li bkiet għax bkiet il-kotra,
li għallmet għax xtaqet taqsam
l-għerf li nġabar bil-għaqal u l-ħidma
fl-imħabba għall-Ilsien tagħna
li int qegħedt fuq nett, fl-ogħla quċċata
f'kull ħsieb u kelma minn fommok.
Jien issa nehda biex nixtarr dan kollu,





u waqt li niżżik ħajr mill-qalb ta' qalbi
għal għemilek seddieqi,
sieket nirrifletti fid-dell tiegħek
dwar ix-xorti kbira li messitni
minn meta l-Providenza laqqgħetni miegħek,
u nieqaf zoptu ma' kull Malti bħali
kull meta inti tbexxaq fommok
biex mill-istess għerf u l-kus ta' sliemek
tissokta lilna sseddaq bil-ġid ta' kliemek.

**FRANK ZAMMIT**
**Pendle Hill, NSW, Awstralja, 16.6.17**

## L-ITTRA:

Għażiż Frank,

Ma nafx b'liema kliem nista' nroddlok ħajr għall-ittra li bgħattli, u wisq aktar għall-poeżija tassew espressiva u kommoventi li inti, bil-qalb nobbli li ili naf li għandek, għoġbok tiktibli. Grazzi tassew, minn qiegħ qalbi, għażiż Frank. Poeżija tassew matura, meqjusa u kalma. Ma nafx kif nirringrazzjak, tassew.

Qiegħed nibgħatlek kopja ta' xi disinji, bla ebda pretensjoni, li nagħmilhom kull meta nħoss kemm hi fqira u timida l-kelma tal-letteratura.

Inselli għalik ħafna, waqt li nawguralek li tkompli tikteb il-poeżija, dejjem bis-sens tipiku tiegħek ta' distanza bejn kontinemt u ieħor.

**Oliver**
**30/6/2017**

**[Ħajr lil Frank Zammit għar-ritratt u kopji tad-disinnji ta' Oliver Friggieri pprovduti hawn.]**

## TALBA OĦRA

Fittixtek fi ħtijieti
li bkejt bi dmugħ tad-demm
għaliex qaluli l-ġrajja
li ġrat f'Ġerusalemm.

U sħett il-ħsieb ta' moħħi
u l-ħeġġa tal-idejn,
u l-kliem maħtuf ta' lsieni
u l-ġiri tal-għajnejn.

Ħassart l-għanjiet ta' qalbi
u bdilthom f'eleġija.
Daqqejt it-tnabar mejta
u rmejt il-poeżija.

U llum għadni nistaqsi
"Mulej, Mulej, fejn int?"

## ĦAJKU

Twaqqgħet is-siġra.
L-għasafer tagħha mħawda
daru jfittxuha.

Il-Maltin fl-aħħar
ħadu 'l Malta f'idejhom
u ssekwestrawha.

**OLIVER FRIGGIERI**
**(minn *Poeżiji*, Mireva Publications, 1998)**




## TITNIEDA EDIZZJONI PRESTIĠJUŻA TAD-*DIVINA COMMEDIA* MAQLUBA GĦALL-MALTI MINN ALFRED PALMA

Nhar it-23 ta' Ġunju 2021, fis-Sala M.A. Grima ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, tnediet it-tieni edizzjoni tad-*Divina Commedia* maqluba għall-Malti mill-poeta, kittieb u traduttur Alfred Palma. Dan l-avveniment sar b'kooperazzjoni bejn l-AŻAD, l-Istituto italiano di Cultura u l-Klabb Kotba Maltin, u kien parti miċ-ċelebrazzjonijiet li bħalissa qed isiru fuq livell mondjali u li qed ifakkru s-700 anniversarju mill-mewt tal-poeta Taljan Dante Alighieri. Dan wara li filgħodu tal-istess jum tqiegħdu xi fjuri quddiem il-monument iddedikat lil Dante fil-Furjana, xogħol tal-iskultur Vincent Apap, u li ġie inawgurat fis-6 ta' Mejju 1967.

Għal din is-serata ta' tnedija pparteċipaw numru ta' personalitajiet. Inqraw diskorsi mill-Ambaxxatur Taljan, l-E.T. Fabrizio Romano, id-Direttur tal-Istituto italiano di Cultura, Dott. Massimo Sarti, il-President tal-Fondazzjoni Fortunato u Enrico Mizzi, Dott. Richard Muscat, u l-President tal-Akkademja għall-Iżvilupp tal-Ambjent Demokratiku, Dott. Louis Galea. F'nofs is-serata inqrat parti mill-kant numru 26 tal-*Infern*, magħruf bħala l-kant ta' Ulisse, eżattament versi 49 sa 142, l-ewwel bil-Malti u wara bit-Taljan. Il-parti bil-Malti nqrat mill-atturi Mikhail Basmadjan, Paul Portelli u Charlotte Stafrace, filwaqt li l-parti bit-Taljan inqrat mill-istudenti li qed jistudjaw it-Taljan f'livell Dottorali fl-Università ta' Malta, Glen Bonnici, Ilaria Labbate u Patrick Sammut, b'introduzzjoni tal-professoressa u kap tad-Dipartiment tat-Taljan, Gloria Lauri Lucente. Wara l-President Emeritus Ugo Mifsud Bonnici qara studju dettaljat u interessanti tassew f'rabta mal-figura ta' Dante Alighieri u tad-*Divina Commedia* matul is-sekli. Għalaq is-serata l-istess traduttur, Alfred Palma, b'diskors qasir. Preżenti għal din is-serata li kienet miftuħa biss għal numru limitat ta' mistiedna minħabba r-restrizzjonijiet sanitarji tal-preżent, kien hemm ukoll membri tal-istess akkademiku tal-Università ta' Malta, u s-Sur Joseph Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin. Mexxiet il-lejla Christine Amaira.

**Hawn taħt IL-PONT qed iġib id-diskors li qara l-kittieb, poeta u traduttur Alfred Palma għall-okkażjoni:**

Id-*Divina Commedia* ilha ssaħħarni sa minn meta bdejt nistudjaha fil-Kulleġġ De La Salle, fl-1954, u dejjem ħassejt kilba stramba li nittraduċiha bil-Malti. Meta temmejt l-istudji tiegħi fl-1957 u qbadt naħdem, bdejt nindaga jekk il-poema kienx inqaleb għall-Malti. Sibt li mill-1864 kienu saru diversi attentati ta' traduzzjoni, adattamenti u siltiet f'poe-proża, l-aktar mill-Infern. Fl-1964 ħareġ l-*Infern* ta' Erin Serraċino Inglott, traduzzjoni stupenda, iżda mhux irrimata. U dan kompla jħeġġiġni nara jekk jien stajtx nittraduċiha u nirrimaha. Fl-1966 akkwistajt kopja qadima tal-*Commedia*, edizzjoni ta' Eugenio Camerini, u meta kelli 26 sena bdejt it-traduzzjoni bis-serjetà, inkoraġġut qatigħ minn Bro. Henry Grech FSC u Dr Ġorġ Zammit. Lestejt it-traduzzjoni 20 sena wara, fl-1986, u dlonk bdejt infittex l-għajnuna finanzjara biex nippubblikaha, iżda ma għeni ħadd. U stampajt il-*Commedia* fl-1991, spejjeż tiegħi u b'sagrifiċċji kbar. Ix-xogħol intlaqa' b'taħlita ta' xettiċiżmu u indifferenza; iżda bosta, fosthom il-President Emeritus Dottor Ugo Mifsud Bonnici, dak iż-żmien Ministru tal-Edukazzjoni, apprezzaw xogħli bil-bosta u għenuni kif u kemm setgħu, u dan nibqa' nafhulhom.



**Alfred Palma waqt id-diskors tiegħu**

L-ewwel katarsi waslet fl-2008, meta flimkien mal-poeta u kritiku letterarju, is-Sur Patrick Sammut, tlajt Ravenna fuq stedina tal-Comune għall-Progetto Dante nel Mondo 2008 fejn wara li żort il-qabar ta' Dante, waqt serata fil-Basilica di San Francesco qrajt bil-Malti Canto Secondo tal-Purgatorju, u ngħatajt il-Lauro Dante.

U t-tieni katarsi hija dik tal-lejla, meta fl-okkażjoni tas-700 sena mill-mewt ta' Dante, bil-għajnuna ġentili tal- AŻAD u tal-Istituto Italiano di Cultura, din it-traduzzjoni qiegħda terġa' tara d-dawl. Ħajr minn qalbi lill-E.T. Dottor Fabrizio Romano, Ambaxxatur Taljan għal Malta, lil Dott. Massimo Sarti tal-Istituto Italiano di Cultura, lis-Sur Richard Muscat u Dr Louis Galea għan-nom tal-AŻAD, lis-Sur Joseph Mizzi ta' Midsea Books, kif ukoll lil dawk kollha li b'xi mod ħadmu u għenu biex dan il-proġett hekk ambizzjuż seta' jseħħ. U llejla rajnieh iseħħ.

Grazzi.
Alfred Palma




Dan hu ktieb ta' 432 paġna, imżewwaq bid-disinni oriġinali ta' Gustav Doré. Skont il-Professur Oliver Friggieri, "… dan hu xogħol magħmul b'reqqa kbira li, waqt li tħares il-klassiċità tal-vers oriġinali, trodd f'Malti tassew mirqum is-sbuħija tal-oriġinal."



**POSTUMANITA'**

Non siamo piu' carne e sangue,
non ci diamo piu' la mano,
niente baci o abbracci.
Siamo diventati pixel
siamo stati digitalizzati.
Eppure continuiamo a frequentarci
e a sorriderci da lontano
a sopportare quest'apparenza...
Interagiamo a distanza
cliccando pulsanti, mouse
e keyboard
e viviamo la propria simulazione
in alta definizione
e alla fine ci salutiamo
come se fossimo fantasmi,
spiriti, entita' eteree.
È il culmine dell'età postumana
un'età nella quale
di umano resta poco.
Shut down...

**PATRICK SAMMUT**

**M'GĦADNIX NAGĦRAFHOM**

M'għadnix nagħrafhom dawn dirgħajja….

Li tant għannqu ħbieb tul is-snin
u taptpu kuraġġ fuq l-ispallejn
li kaħħlu, u żebgħu u sammru f'injam
u sewwew fejn kien hemm għalfejn.
L-idejn li lagħbu tennis, subbuteo u darts
u għoddew tant flus u għamlu kontijiet
li kitbu l-lottu bil-karta saħħara
u ħarbxu tant stejjer u ħsibijiet

… Illum mejtin

M'għadnix nagħrafhom dawn riġlejja….

Li ġrew wara l-ballun bil-ħeġġa,
u telgħu u niżlu slielem tul is-snin
li qadfu b'saħħa biex gawdejt il-baħar
li żifnu mal-kollegi f'xi festin
li mxew fil-Vatikan u ħdejn l-Akropoli,
li żżerżqu fuq silġ iebes tal-Islanda
u telgħu fuq l-Etna u l-Vesuvju
u daru mal-imtieħen tal-Olanda

…. Illum bla saħħa.

M'għadnix nagħrfu dan leħni…

Li tant tkellem ma' nies bil-kelma t-tajba
u spjega tant prinċipji, ħfief u tqal,
li qara, rrexta u drabi ukoll kanta
u daħħaq ħafna nies, il-kbar u t-tfal.
Li irrakkonta fatti mill-Istorja,
imħallta ma' xi leġġenda Maltija
b'ilsna barranin biex min iżurna,
igawdi ta' pajjiżna is-sbuħija

…. Illum imkarkar.

Qed nagħraf biss dan moħħi…

Li għadu joħloq u jtini l-ideat,
li kif jitwieldu ituni l-enerġija.
U li b'għajnejja jħaddem il-kompjuter
biex bih nesprimi li għaddej ġo fija.
Dal-moħħ li jġedded il-memorji
u jġib tifkiriet sbieħ quddiem għajnejja,
li jgħini nifhem din il-kundizzjoni,
u li ħajti inbidlet iżda għada għaddejja

…. U jwennisni.

**JOSEPH DEBONO**
**21.04.21**

**DELL XBIHETEK**

Dell xbihetek fjura fjura
ħdejn l-għadira;
Żiffa xxengel ġismek mgħobbi
b'kull tifkira.

Ma tfarfarx, tifla tal-għabex,
f'idi fqira,
Fjura waħda li taqtagħli
xewqti kbira.

**LOUIS BRIFFA**
**(mill-paġna tal-Facebook tiegħu)**

**MARZU 2020**

**"O mewt! Kif nista' naħrab minnek?"**
**San Sisun quddiem il-qabar ta' Xandru l-Kbir**

F'Marzu 2020
id-dinja nqalbet ta' taħt fuq,
bi sriebet ta' nies f'ġenn sħiħ biex jixtru mill-ħwienet,
maskri u ħasil frenetiku tal-idejn,
biex nissieltu kontra mikrobu ġdid li ġie mil-Lvant
u bħal riefnu qaċċatna lkoll mis-serħan il-moħħ
li kienet drat tagħtina d-dinja l-ġdida
ta' internet, mobiles u teknoloġija.

F'Marzu 2020
intbaħna li aħna l-bnedmin
m'aħniex speċjali, aħna
fraġli iktar minn l-iċken werqa quddiem mostru li ma jidhirx
iżda li kapaċi jaħsad il-ħajjiet ta' dawk l-iktar għeżież għalina.

F'Marzu 2020
tfaċċa l-1918 mill-ġdid bl-iħirsa koroh tiegħu
ta' sodod armati barra l-isptarijiet taħt it-tined
ta' nies lebsin il-maskri fit-toroq
ta' skejjel u knejjes magħluqin
ta' mejtin midfunin mingħajr funerali
ta' kwarantini u lockdowns
u l-biżgħa li nersqu lejn xulxin
għax niġu nfettati.

Meta jgħaddi kollox,
dawk li nkunu għadna hawn
għad niftakru f'dawk li ħallewna
u fid-dalma sewda li għattietna lkoll
bit-theddida ta' mewt mingħajr nifs
f'Marzu 2020.

"O mewt! Kif nista' naħrab minnek?"

**STEPHEN CACHIA**

**DMIJA**

Pinna ħarxa, pinna taqta'
darba rifset kallu kbir.
Malajr ċorma rġiel minn tagħna
qatgħuhielha: "Trid ittir!"

Ġie biex jaħdem, ried jistinka
iżda huma ma ħamluhx.
Sparaw fuqu, ħasbuh fenech:
"Jaqq, dak iswed ma rriduhx!"

Mara twajba, tal-familja,
hum'heżżew mill-pedament.
Hemm radmuha ġewwa darha
biex il-but għamluh kuntent.

Mijiet niżlu f'qiegħ il-baħar,
bosta nqerdu f'nifs bil-labar.
Dawk temmewha minn fuq pont...
Issa min se jagħti kont?

Għaliex bqajna qatt ma nfdejna
mill-għanqbut tal-istmerrija?
Ilna wisq nagħlqu għajnejna
tant li jdejna mtlew bid-dmija!

**DAVID ALOISIO**

**SEI DIVENTATA**

Non siamo riusciti a collegarci
io sono stanco di aspettarti
Sei diventata una nuvola
dentro la quale ti nascondi
Sei diventata come il fulmine
che brilla inaspettatamente
Sei diventata un'idea
di quello che sarebbe stato
il paradiso
Sei diventata la mia donna
sull'altra sponda del fiume
Sei diventata la speranza di domani
la ragione per cui vivo
Sei diventata un'icona
una di quelle attaccate al muro.

**ALFRED GRECH**

**IL-BNIEDEM**
**- ħajku -**

Ħlejqa maħluqa
sabiex tgħix bħala l-jiena
f'dinja tal-aħna.

**MARIO ATTARD**

## DAWN L-ILĦNA GĦOLJIN WISQ

dawn l-ilħna għoljin wisq,
il-belt bi ħġarha,
itteptep il-qawsalla elettron'ka.

il-ħwienet paguni staġjonali,
il-knejjes qed jinneguzjaw il-grotti
u l-grotta bla bambin qed tinbiegħ orħos.

dawn l-ilħna għoljin wisq u qed itellfu,
l-pubbliċità notturna,
u jwerrċu l-arloggi tad-ditti.

dawn l-ilħna għoljin wisq,
qajla jinteressahom mill-ħin li skorra.

**MARIO GRISCTI**

## RIFLESSJONI GĦAL ŻMIEN IL-PANDEMIJA

Pinta lager f'kumpanija,
għawma mqarba f'nofs il-bajja,
flixkun birra bil-lumija,
hekk igerrbu s-Sjuf tal-ħajja.

Jew serata tat-Teatru,
play sabiħa, 'ntelliġenti,
wara, platt għagin jew platter,
u flixkun inbid preżenti.

Inkell'ikla ta' kif jixraq,
ħut u laħam u kontorni,
kafè, "Drink sinjuri jridu?"
Kellu bżonn xi ħadd iġorrni!

Jew xi party, rari għaġeb,
ħbieb imdawra mal-karozza,
nidħlu u dlonk jitfa' ta' Ġiġi
kulħadd jiġi qisu bozza.

Jew imqar grilljata ħelwa
burgers, zalzett minn dak ir-roża,
garlic bread u birra sħuna,
salad xejn, aqqas għal mogħża!

Jew kunċert bl-aqwa talenti,
sinfonija estażjanti
fuq il-Fosos, jew teatru,
tħossok f'Ġenna eżilaranti.

U xi festa tmiem il-ġimgħa
nar, tiżjin, għajjat u brijju
purċissjoni tant devota,
tas-salib jixbah liz-ziju!

Festivals u parties ħorox,
gigs puliti, b'filosofija,
ta' xi ktieb tnedija ħelwa,
wirja bl-arti mistennija.

Kollox waqaf, kollox nixef,
kulħadd b'ħerqa u stennija
jara kif ħa jgħaddi ħinu
sakemm tgħaddi l-pandemija.

Intant żgur, li b'mod solenni,
għax sarilna kollox ramel,
żgur qatt iżjed ma ngħid oħra
illi Malta m'hawn xej' x'tagħmel!

**EDWARD BONELLO**

## ... IL-ĦMAR BAĦNAN...

Ir-raġġ ta' lejżer naqqax il-kilba ta' poeta fil-qalb ta'
ħmar baħnan
biex jibda jsamma' leħnu
għax f'qalbu beda jħoss
il-ġibda ta'  bla tarf
lejn sema w art madwar
li darba f'telfa l-lejżer
fettillu miskin joħloq
b'imħabba għal kulħadd...

Ir-raġġ ta' lejżer naqqax il-kilba ta' poeta fil-qalb ta'
ħmar baħnan
li naħaq naħqa kbira
ta' kliem, ta' poeżija,
biex ferra' dmugħ muġugħ
minn qasma fonda f'qalbu
ġo ġiebja  kollha frat
b'ilsienhom kollu ħmieġ
jilagħqu lil xulxin
u jgerrmu  wiċċ ix-xagħri
iqaċċtu il-ħarrub
imiegħku it-tullier,
jeqirdu ħdan il-wied
li darba f'telfa l-lejżer
fettillu miskin  joħloq
b'imħabba għal kulħadd...

Ir-raġġ ta’ lejżer naqqax il-kilba ta' poeta fil-qalb ta’
ħmar baħnan
u niggżu l-lejżer, niggżu,
ħa jiftaħ ħalqu jinħaq;
u naħaq naħqa kbira
ta’ kliem ta’ poeżija
u ħaqqaq miskin ħaqqaq
mitluf il-ħmar baħnan,
u ħaqqaq mal-kbarat
li ħolqu dehra ġdida
tal-għalqa tal-irdum
tas-sienja ġol-mużew
taparsi qiegħda ddur
fir-rokna bid-dawl fuqha
u ħeġġeġ b'leħnu ħeġġeġ
il-ħmar baħnan miġnun,
il-qima lejn il-wied
il-baħar u x-xagħriet,
l-imsejkna bebbuxiet
li darba f’telfa l-lejżer
fettillu miskin joħloq
b’imħabba għal kulħadd...

Imbagħad għaddew is-snin:
ftit trab ma baqa’ mkien
inbnew l-isbaħ widien...
twittew il-wileġ kollha,
u tqaċċat it-tullier,
intherżu in-nemliet,
sfrattaw l-aħħar bejtiet,
inqatlu in-nagħġiet
u l-aħħar żewġ ħutiet
li l-lejżer f'telf ta' ġenn
kien ħoloq għal kulħadd;
u għarrex raġġ il-lejżer
u fittex b’reqqa fittex,
iħares kullimkien;
iżda lill-ħmar baħnan
ma seta’ jsibu mkien...

**PAUL P. BORG**
**(minn *Eternità*, Horizons)**

**L-ISPTAR**

L-isptar, l-ispirtu sieket, iħokklok ma’ mnifsejk,
ibeżżgħek int u dieħel, itaqqallek riġlejk.

Arahom l-infirmiera jiġru lilhawn, lilhemm,
jersqu jagħtuk il-pirmli u kultant jieħdu d-demm.

L-għodwa qisha xalata; iġri: tiġdid, tibdil;
kulħadd bil-kju biex jidħol jitnaddaf bil-ħasil.

Mit-tieqa tal-isptar
rajt sebħ il-jum jitliegħeb
fuq l-għelieqi b’ajru ċar.

It-tobba nkurunati b’tobba oħra jistudjaw,
kollha jixtarru l-marda li tbeżża’ daqs babaw.

Dak? Żidlu l-mediċina. Dik? Għad baqgħalha hawn;
tistenna ftit jiem oħra; ara żidulha dawn.

Naddfuhom sewwa s-swali; tibżgħux, għax għandna
flus;
ma nħallu ebda nemla tinnamra man-nemus.

Mit-twieqi tal-isptar
rajt jitliegħeb qalb is-siġar taħti
u jpespes l-isbaħ għanja għasfur u ...tar!
Mit-twieqi tal-isptar
rajt sbieħ il-jum ifittex
iħajjarni lura d-dar.

**KARMENU MALLIA**
**(L-aħħar jum l-isptar: 29.3.21)**

**FEHMIET**

U l-ilħna għolew f’daqqa
fi protesta mħabbla sħiħ,
min jgħid l-abjad huwa iswed
min jgħid l-ikrah rah sabiħ.
Il-pittur pinġa qawsalla
ilwien ċari u mżewqin
kulħadd jagħżel l-għaxqa tiegħu
mill-istrixxi mifrudin:
min bil-blu jimla smewwietu,
min jongħos bl-aħmar peprin,
min jixxaħxaħ f'għalqa ħadra
imtektka b'fjuri mlewnin.

**JOHN MALLIA**

**QRID… QRIB IT-TMIEM…**

X’battikata…
li tkun bniedem.
Telaq bikri bija il-vapur,
u fuqu ma kienx hemm fjuri…
Imħabba biss,

u b'ħafna taħbit u ħabi wasal.

Straħ għal snin,
biex imbaghad ma wassalx…
Ebda inġinier,
bankier,
politiku,
qassis… u anqas…
poeta.

Profeta mhux se nsir,
Anki wara mitt irtir…
Hemmhekk sempliċi,
tħobb liLU,
u Hu jhobb lilek
izda mill-bqija trid
tippompja int…

Biex ma tmutx minn ġewwa,
bil-ħlewwa jew bid-dnewwa,
biex il-predikatur
ma jġagħalx rasek iddur,
ħa żżommu sod int it-tmun
li jwaqqaflek il-mutur
tal-ħsieb awtoktonu.

Dil-qirda issa ta' kuljum,
tistenbah u l-moħħ bumm bumm,
plattina pinnoli w mediċini,
il-petrol tal-vapur bla fjuri…

Uff xi dwejjaq
li tkun bniedem….
Titlaqnix Mulej……..!!

**JOHN CONSIGLIO**

**PALESTINA– ISRAEL**

Ħemdu s-sireni,
hedew il-kanuni,
t-twerdin tal-ajruplani
intilef fis-smewwiet,
bħalma t-tifqiegħ tal-bombi suwiċida,
intemmu,
u fadal biss il-ħsejjes li jwaħħxu,
il-ħsejjes tas-skiet.
Fis-skiet,
qed jidwi t-twerżiq tal-isteriżmu,
ta' armla, fil-fjur ta' żgħożitha,
li għadha kif tilfet
il-ħolm ta' tfulitha.
Ta' mara, omm xwejħa,
li t-tama li l-lejla
se tara lil binha ma' djulha,
tisfuma u tgħib f'balla nar.
Ta' tfal mingħajr ħtija
f'għadajjar ta' dmija,
mtertqin, jew agunija.
Fil-kamp tar-refuġjati,
qalb ġgajta ta' nies mhux armati,
fit-toroq u s-swieq tal-ibliet,
fejn vittma imħażżma bil-bombi splodiet,
l-għadab qed jissarraf f'mibegħda,
il-lehma tal-paċi qajl qajla qed tnin,
il-firda bejn poplu u ieħor tissokta,
kif kienet u għadha mal-milja tas-snin.

**CHARLES MIFSUD**

**NEBĦ**

Tkun qomt bl-antenni magħluqa
torox u muti
għall-għanja tal-merill
titlajja f'sidrek.

Webbiel in-nebħ.
Jieħdok għal għarrieda,
jinterċettak
- ksir il-għonq divin,
inkant -
Ma tafx mnejn ġej
ifesfes misterjuż,
mehjiel bħal filastrokk
fil-lanja ta' ruħek.

Taħfnu bħal f'ponn
fil-kalzri tal-kranju
u minn dal-jasar
tofsoq il-katarsi.

**THERESE PACE**

**DAK LI WEGĦIDTEK, KARM!**

Għaddew fuq ħamsa u sittin sena minn dik l-għodwa
naqra ta' żerbinott, u l-Liceo dħalt.
Kien mess "Il-Malti", u deher bħal ġgant quddiemna:
Vassallo - kont nafu ġà, u dak il-ħin kemm fraħt!

Kont ili li nnamrajt mill-versi tiegħu.
U llum, wiċċ imb wiċċ miegħu, tabilħaqq, tassew!
Staqsiena isimna u fejn konna noqogħdu.
X'ħin messni jien, sejjaħli; riġlejja lejh imxew.

Kien jaf sew lil Missieri. Staqsieni nħobbx il-Malti.
Qbiżt għidtlu: "Iva, u nħobbu ħafna wkoll."
Ħeġġiġni biex nibqa' ngħożż lil dan l-għażiż Ilsieni.
Żgurani li, tul ħajti, qatt mhu se jkunli skoll.

Ma nafx kif dak il-ħin tant kuraġġ ġieni.
Dort lejh u għollejt leħni kemm, kemm.
U wegħidtu, lill-Poeta, li l-Malti nibqa' nħobbu,
Sakemm il-mewt, lil din ħajti, ittemm.

U bqajt, tulkom ja snin, bil-wegħda f'moħħi.
U bqajt nistinka biex ma niksirhiex.
U bqajt, kif nista', nweġġah lil Vassallo.
U bqajt, b'kull mezz, mill-qalb ma noħroġhiex.

Vassallo kien Poeta illi sofra ħafna.
'Mma f'qalbu baqgħu jħeġġu dejjem in-Nirien.
Din ħajti kienet tixbah ftit lill-ħajja tiegħu.
Għalhekk ma nsejtu qatt, imkien, imkien.

Illum li miexi sew lejn tmiem din triqti.
U l-ftila ta' ħuġġieġti dalwaqt tfejtha.
Sikwit intenni talb għal ruħ Vassallo,
U ngħidlu: "Iva, Karm! Wegħidti, żammejtha!"

**PIJU SPITERI**

**BABILONJA**

Tlett ixjuh bilqiegħda fuq bank
f'Collingwood… belt il-ħaddiema.
B'ħarsithom vojta, jitwieżnu mal-bsaten,
mgħawġin u mgħaddmin, tal-għuda
jħarsu lejn il-ħajja għaddejja… maħruba,
li ħalliethom itturufnati…

Dan hu ż-żmien li ħolmu bih…
li għexu għalih…
Iż-żmien tal-mistrieħ…
Issa li ħolmithom telqithom
fehmu, li d-destin
hu riħ ħażin,
li tefagħhom f'din l-art… Babilonja,
fejn ilsien art twelidhom
jeżiljahom minn xulxin,
fuq l-istess bank fejn jistrieħu
Flimkien…
Waħidhom…

**MANUEL CASHA**
**(L-Awstralja)**

**IL-KELMA**

Il-kelma setgħana,
ġentili bħan-nida.
qawwija bħan-nar.

Il-kelma tingħaġen,
tirtab
u tissawwar
bħat-tafal fix-xogħol tal-fuħħar.

Xi drabi naħkimha,
tħallini naħdimha
u jiġri sikwit
li biha nesprimi
sew sew dak li rrid.

'Mma drabi taħrabli
u tmur tistaħbieli...
u l-fjamma li tkun tkebbset fija
mill-ewwel tintfieli.

**CARMEL G. CAUCHI**

**MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA**

Ma nafx jekk għadx għajnejk tixħitx fuq tiegħi,
fuq djulek tfissed din iċ-ċkejkna sura,
u dawn ħaddejja jħallu l-marka miegħi
itfuħ ta' mħabbtek ġwejda daqs għasfura.

Ma nafx jekk surti tkunx qalb dawk il-ġmiegħi
li 'l ħajti, 'l ruħi, 'l ġismi jroddu lura,
iridu b'ragħwa fuq il-fomm itriegħi,
iridu b'saħħa u dritt juruni l-ħdura.

Biss lili ma jafux, ma jafux x'fini
ħlief tjieba ta' tarbija tibki safja
minn kull għemil malinn, ta' bla konfini.

It-tama tiegħi biss f'dik l-omm smewwija
li tqila marret tiġri, għoddha ħafja,
biex tgħin omm oħra bħalha fl-istennija.

**ROBERT GATT**

**SONO ALBERO A NOVEMBRE**

Sono albero a novembre
e tu, vento livido, impietoso
freddamente, mi hai rubato la gioventù
adagio, mi hai spogliato della vita

Sono scheletro di pianta
con il tuo soffio grigio, implacabile
laceri e strappi
la mia chioma ardente
sopravvissuta
alle lievi e incessanti
ingiurie dell'autunno

L'ho capito anch'io
urlano le mie foglie morte
ormai logore e sporche
violate da passi infreddoliti e nubi incombenti
all'orizzonte, nella nebbia ferrigna,
l'inverno avanza
con il suo passo greve di gelo

Allora, affondo forte le mie radici
mi avvinghio testardo al terreno
e nel tronco nudo
nella corteccia bruna
la mia anima si riposa
e sorride.

**ELIANA STENDARDO**
**(L-Italja)**

**EVE'S DEFENCE**

You didn't have to accept
that shiny juicy apple
did you Adam dear?

Please remove those
musty fig leaves
from your memory and ears
and remember Adam dear,
you were created
from mere earth,
whereas I was sculpted
from a much finer substance
finer than ivory
finer than gold.

In the rush of your
heart's blood
in the throbbing of your temples
remember Adam dear -
I was created
from pure human bone

Your strong rib-bone
became me - Eve
Mother of Life.

Always remember
dearest Adam
free, indepedent Eve
Is - You.

**ADA AHARONI**
**(L-Iżrael)**

**POEM TO THE SOLITARY POET**

Our universe is different:
we are closer to the stars
and soon we will be one of them
in time to avoid absolute
solitude.
Meanwhile, as we live,
the years are obstinate
in remembering our struggle
against death,
which at last,
is our greatest victory!

**TERESINKA PEREIRA**
**(L-Istati Uniti)**

**ILLUSIONS**

Noiseless wrinkles
on our forehead
the frontiers of history,
shed oblique glances
at Homer's verses.
Illusions
full of guilt
redeem
wounded whispers
that became echoes
in lighted caves
of the fools and the innocent.

**DIMITRIS P. KRANIOTIS**
**(Il-Greċja)**




## ŻEWĠ ĦARĠIET OĦRA TAR-RIVISTA "KNISJA ELFEJN"

"Knisja Elfejn" hija rivista ta' formazzjoni teoloġika li tittratta temi ta' duttrina biblika, dommatika, morali u xjenzi umani, u din toħroġ darba kull tliet xhur mill-Kunvent Patrijiet Dumnikani. Il-ħarġa numru 134 hija ddedikata kompletament lil wieħed mill-ikbar ħassieba tas-seklu 19, John Henry Newman, li għall-ewwel kien qassis Anglikan u aktar tard sar qassis Kattoliku Ruman.

Apparti l-Editorjal miktub minn Fr Raymond Gatt OP, f'din il-ħarġa nsibu għaxar kontribuzzjonijiet, tmienja minnhom bil-Malti u tnejn bl-Ingliż, miktubin minn nies esperti. Robert Aloisio hu l-awtur tal-istudju tal-ftuħ bl-isem ta' "Min hu John Henry Newman?" Hawn naqraw tagħrif interessanti dwar il-formazzjoni tiegħu, it-turmenti bħala qassis Anglikan, il-vjaġġ fil-Mediterran u f'Malta, meta jsir Kattoliku, bħala edukatur, kardinal, u d-dikjarazzjoni bħala qaddis. André P. Debattista jikteb saġġ intitolat "'Ex umbris et imaginibus in veritatem' John Henry Newman u l-Oxford Movement": hawn naqraw dwar kuntesti u kurrenti intellettwali u politiċi. Fr Geoffrey G. Attard jikteb dwar "John Henry Newman u l-kitba bħala vokazzjoni": Attard jittratta lil Newman bħala kittieb ta' innijiet u poeta, rumanzier, storiku, imma anki r-relazzjoni tiegħu ma' Joyce, il-kapolavur tegħu *Apologia*, u l-*Grammar of Assent*. Fr David Torpiano kiteb is-saġġ "John Newman u l-Letteratura": hawn Torpiano jsemmi kitbiet ta' Newman bħal *Poetry, with Reference to Aristotle's Politics*, l-awtobijografija *Apologia Pro Vita Sua*, il-prietka *The Danger of Accomplishments*, l-ewwel novella *Loss and Gain*, ir-rumanzi *Hypatia* u *Callista*, u *The Grammar of Assent*. Fr Jonathan Farrugia mbagħad jikteb dwar "Il-pedament patristiku tal-Kattoliċiżmu ta' John H. Newman": naqraw dwar l-ewwel kuntatt mal-Missirijiet, il-mixja lejn il-Kattoliċeżmu, u l-perijodu Kattoliku.

Mons. Prof. Hector Scerri jikteb dwar "Il-Knisja u l-Ekumeniżmu fil-Ħsieb ta' Newman", b'enfasi fuq l-artiklu tiegħu "Lectures on the Prophetical Office of the Church", li 40 sena wara ppubblika mill-ġdid bħala Kattoliku bl-isem ta' "Via Media of the Anglican Church." Dr Michael Axiaq jikteb dwar "John Henry Newman u Malta": din kienet żjara



qasira li għamel bejn tmiem l-1832 u l-bidu tal-ewwel ġimgħat tal-1833, imma matul dan il-perijodu kiteb diversi ittri u anki poeżiji, fosthom waħda ddedikata lil San Pawl.

Maqluba għall-Malti minn Francesco Pio Attard insibu wkoll l-Omelija tal-Q.T. il-Papa Benedetti XVI li kien għamel waqt il-quddiesa tal-Beatifikazzjoni tal-Kardinal John Henry Newman f'Settembru tal-2020. Insibu wkoll żewġ saġġi miktubin bl-Ingliż: l-ewwel wieħed bl-isem ta' "The all-consuming fire: The Biblical Call to Holiness as Newman's First Principle", mill-pinna ta' Fr Justin Schembri OP, u t-tieni saġġ jismu "Malta in the Newman and Achille Drama" ta' Dr Giovanni Bonello. Giacinto Achille kien patri Dumnikan li minn Kattoliku qaleb għal Protestant li kien ħadha qatigħ kontra Newman stess.

Ħarġa numru 135 ta' "Knisja Elfejn" tikkonċentra fuq il-kwistjoni tal-abort u għalhekk iġġib it-titlu ta' "Favur il-Ħajja fil-Ġuf." Din id-darba l-kontribuzzjonijiet huma fil-parti l-kbira bl-Ingliż: Dr Calum Miller hu l-awtur tas-saġġi "Unique from the start: the development of a new human life" u "The mental health complications of abortions", filwaqt li Dr Miriam Sciberras hi l-awtriċi ta' "Endangered – the embryonic journey from conception to birth." Dr Jeanise Dalli tikteb "In Defence of Life", Fr Justin Schembri OP jikteb is-saġġ "Made in the Image of God: Towards an understanding of the Christian Modus Vivendi", u l-Prof George G. Buttigieg jikteb dwar "Abortion: Defying nature at the procreation game." Żewġ artikli oħra huma "Empowering Women and Men to Choose Life " ta' Bernice Micallef u Christie Zammit, u "A Post Abortion Story" ta' Rachel Mackenzie.

Bħal dejjem Fr Raymond Gatt OP jikteb l-Editorjal u din id-darba anki l-Epilogu, iddedikat lil Chiara Corbella Petrillo (1984-2012). Insibu wkoll kontribut ieħor bil-Malti mill-Isqof Awżiljarju Joseph Galea Curmi, intitolat "M'hemm xejn aktar progressiv u liberali mill-ħarsien tal-ħajja umana."

Kull min hu interessat li jirċievi din ir-rivista reliġjuża-kulturali d-dar jista' jibgħat ċekk ta' €20 (għal sena) jew €40 (għal tliet snin) f'dan l-indirizz: Provinċja Dumnikana Maltija, Kunvent Patrijiet Dumnikani, Misraħ San Duminku, Rabat RBT 2521.




***RIFLESSI - VERSI-PENSIERI 2012-2020*, ta' Patrick J. Sammut, Volturnia Edizioni, 2021**

Din hija ġabra ta' 32 poeżija li Patrick J. Sammut kiteb bit-Taljan u li ġiet ippubblikata fl-Italja. Il-ktieb li għandu 87 paġna huwa mqassam f'għaxar taqsimiet: Amerigo, Covid-19, Festività, Libri e lettura, Notte, Olocausto, Poeti e poesia, Riflessioni, Solitudine u Viaggiare. Il-ġabra għandha Daħla mill-Giuseppe Napolitano u Postfazzjoni ta' Ida Di Ianni, it-tnejn għalliema u poeti, bħal Sammut stess. Dwar il-versi ta' Sammut, Napolitano jikteb li l-poeta japplika lill-poeżija l-lezzjoni ta' Franġisku, kemm tal-qaddis minn Assisi kif ukoll tal-papa preżenti, ladarba permezz tal-poeżiji jipprova jindika kif l-umanità tista' tgħix aħjar. Il-poeti huma għal Sammut "anġeli-soldati" u "spiriti ġentili" fl-istess ħin, mela missjunari tal-kelma fid-dinja. Napoletano jintlaqat mill-attenzjoni li Sammut jagħti lir-reali, lid-dinja familjari, imma anki mill-fatt li f'dil-ġabra jinkludi poeżiji ispirati minn poeta Taljan ħabib kemm ta' Sammut kif ukoll ta' Napolitano li ġie nieqes ftit snin ilu, Amerigo Iannacone. Għal Di Ianni, Sammut huwa poeta li jistaqsi dwar il-valur tal-Poeżija u tar-rwol fundamentali l-poeta għad għandu fis-soċjetà kontemporanja, u ma jċedix quddiem l-omologazzjoni u t-tirannija tal-ħsieb dominanti. Dik ta' Sammut hija poeżija "b'saħħitha" - fi kliem Di Ianni - għax toffri realistikament mod kif id-dinja toħroġ minn dan l-istat ta' "kesħa-indifferenza" li fih jinsab il-bniedem tal-preżent.




***FATEFUL ENCOUNTERS OR THE BOOK OF BARABBAS* ta' Charles Casha, maqlub għall-Ingliż minn Martin Bugelli, Midsea Books, 2021**

Dan huwa traduzzjoni mill-Malti għall-Ingliż tar-rumanz ta' Charles Casha, *Il-Ktieb ta' Barabba*, li oriġinarjament kien ħareġ fl-2010. L-istorja hija dwar l-għalliem irtitrat Dwinu B li jiltaqa' ma' ħabib tat-tfulija. Imma qatt ma basar li laqgħa bħal din kienet se tiġġenera katina ta' avvenimenti. Dak illi jibda bħala sempliċi dokumentar ta' episodji mill-ħajja ta' Barabba jinbidel f'tellieqa kontra l-ħin u tifkiriet biex jiġu mwettqa numru ta' xewqat pendenti ta' bniedem li qed imut. Dwinu B jispiċċa jitħabbel hu nnifsu fix-xibka ta' tifkiriet ta' Barabba hekk kif persuni mill-imgħoddi jinfluwenzaw il-preżent tiegħu. Il-personaġġi ta' Casha huma ħajjin u mqegħdin fuq sfond lokali li jagħmilha diffiċli ninsew l-uġigħat li lkoll inġorru hekk kif nippruvaw nisiltu tifsira minn avvenimenti tal-passat li b'xi mod jew ieħor jerġgħu lura biex jittormentaw il-preżent u l-ġejjieni tagħna. Interessanti huwa l-fatt li hawn Casha jippreżentalna ktieb ġewwa ktieb ieħor.




***KANNIBALI DEMOKRATIĊI U DRAMMI OĦRA* ta' Joseph W. Psaila, 2021**

F'dan il-ktieb ta' 320 paġna Psaila jagħtina ġabra ta' drammi, musicals, u oratorju finali. Huma kitbiet politiċi fis-sens wiesa' tat-terminu, għax fihom huma inklużi personaġġi minn varjetà ta' klassijiet soċjali. Fid-Daħla huwa jikteb hekk: "Dawn il-paġni jippruvaw iressqu taħt il-lenti tliet waqtiet permezz ta' tliet taqsimiet li jħarsu lejn il-preżent, l-imgħoddi u l-ġejjieni." Fl-ewwel taqsima nsibu l-ewwel dramm, li minnu ttieħed it-titlu tal-ġabra u jintrabat mal-preżent immedjat. It-tieni taqsima hija magħmula minn tliet drammi li jintrabtu ma' tliet epoki storiċi importanti fl-Istorja ta' Għawdex u Malta - żmien l-Ordni ta' San Ġwann, il-Franżiżi, u l-Ingliżi. It-tielet taqsima wkoll tiġbor fiha tliet xogħlijiet: il-musical *Wojtyla l-Għajta t'Alla,* id-dramm *Il-Ħmar t'Alla,* u l-oratorju *Santa Marija Il-Mara L'Hi Sbuħija.* Ċert li ġabra varjata bħal din tista' tagħti gost lil bosta qarrejja u fl-istess ħin tistedinhom jirriflettu dwar elementi differenti marbutin kemm mal-ħajja Maltija inġenerali, kif ukoll dwar il-qagħda tal-bniedem fuq din id-dinja.




***SEMPREVIVA*** **ta' Trevor Żahra, Merlin Publishers, 2020**

Din hija l-iktar ġabra reċenti ta' novelli mill-pinna ta' dan il-kittieb tas-sengħa. Huwa ktieb "ċkejken" u mlewwen ta' 288 paġna li jista' joqgħod saħansitra fil-but biex bħal iservi bħal *vade mecum* għal dak li jħobb jaqra kitba tajba bil-Malti li ma tiħux ħafna ħin imma li żgur tagħti pjaċir kbir filwaqt li tistiednek biex tirrifletti dwar ħwejjeġ differenti. Hawn il-qarrejja jistgħu jgawdu 37 storja differenti mhux twal ħafna u li jinqraw b'faċilità kbira filwaqt li jberrħu s-sabiħ ta' lsienna, l-ilsien Malti. Il-ktieb hu letteralment magħmul minn paġni-taqsimiet ta' lwien differenti, u din hija novità fiha nnifisha. Imma fl-istejjer ta' Żahra hemm ilwien li jittraxxendu l-kulur fiżiku tal-paġna, biex minflok ipinġulna d-dinja tal-bniedem minn xiex inhi magħmula, bit-tajjeb u l-ħażin, bis-sabiħ u l-ikrah, bis-sempliċi u bil-kumpless tagħha. Huma stejjer li għandhom kemm mir-realtà kif ukoll mid-dinja tal-ħrafa u dik fantastika. F'din il-ġabra-bukkett naqraw stejjer ġodda meħudin mill-ġnien varjat ta' Trevor Żahra, kollha bil-fwieħa u bl-isbuħija partikolari tagħhom, li żgur jappellaw għall-qarrejja li għandhom għal qalbhom il-letteratura Maltija.




***L-AĦĦAR WARDA*** **ta' Ġorġ Peresso, Horizons, 2021**

Dan hu rumanz li jaqbeż it-300 paġna li jinqasam f'disa' taqsimiet, b'Intermezzo wara t-tielet taqsima. Kull taqsima tinqasam f'kapitli differenti. Dan jgħin biex xogħol bħal dan jinqara pjaċevolment u fi ftit sigħat. Fost il-personaġġi niltaqgħu mat-tfajla Carmen, in-nanna u ommha, il-ġennien, u s-Sinjur tal-ġnien. Dan ta' Peresso għandu mir-ritmi tal-ħrejjef u jispira ruħu mill-ġrajja tal-Ġenesi li tippreżenta l-bniedem qabel u wara l-waqgħa. Peresso huwa rakkontatur prim , li jsaħħrek permezz tal-ilsien Malti li jikxfu fl-aqwa libsa tiegħu b'partijiet li għandhom mill-proża poetika, fejn il-qarrej jifhem kemm ilsienna jaf ikun mużikali, ritmiku, dinamiku, f'id min jaf iħaddmu. Fi żmien meta qed jaħkem kullimkien il-konkrit, Peresso jdaħħalna f'dinja msaħħra mimlija lwien, forom, irwejjaħ naturali. Is-Sinjur ifakkar li l-bniedem tilef għaqlu għax tbiegħed mill-għerf li hemm moħbi fin-natura, u minflok ħalla lilu nnifsu jinħakem mir-regħba u mill-egoiżmu. Għalhekk *L-Aħħar Warda* huwa rumanz li jagħmel parti minn dik li tissejjaħ eko-letteratura. Peresso jinsisti fuq dak kollu li hu sabiħ u jqiegħdu f'kuntrast ma' dak li qed ikerrah lill-ħolqien naturali.







## STUDJI KRITIĊI U GĦAJNUNA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MALTI AVVANZAT U INTERMEDJU, Merlin Publishers, 2021

Dan l-istaġun ra għall-ewwel darba jiġu eżaminati sett ta' xogħlijiet letterarji ġodda li ġew proposti għas-sillabu tal-Malti Avvanzat u Intermedju 2021. Fost dawn ix-xogħlijiet letterarji li qed jiġu eżaminati hemm il-ġabra ta' poeżija, *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea li kien ippubblikat fl-2011, u ġabra ta' novelli, *Xemgħat*, mill-pinna ta' Trevor Żahra li ra d-dawl fl-2017. Minn dawn iż-żewġ ġabriet l-istudenti tal-Malti Avvanzat iridu jippreparaw 20 poeżija mill-ġabra ta' Simone Galea, u 12-il novella mill-ktieb ta' Trevor Żahra, filwaqt li dawk tal-livell Intermedju jridu jikkonċentraw biss fuq il-poeżiji ta' Galea.

Hemm min jemmen li l-letteratura qiegħda hemm mhux biex tiġi studjata, imma fuq kollox biex tinqara darba, darbtejn, tlieta, u titgawda fil-kwiet u s-solitudni, jew fi grupp. Hemm min jemmen ukoll li kieku x-xogħlijiet letterarji li l-kittieba l-kbar Maltin kitbu ma jidħlux għas-sillabi, kieku ħadd jew ftit ħafna jaqrawhom u jgawduhom: il-letteratura hija biss għal min għandu bosta ħin liberu u għall-ħalliema.

Kontribut importanti f'rabta mal-qasam tal-poeżija u tan-narrattiva huwa dak tal-kritika letterarja li hija xjenza fiha nnifisha, anki għax tgħinna nifhmu aħjar il-mekkanizmi varji li kollha flimkien jikkollaboraw biex tinħoloq kitba tajba. Hawn insibu żewġ ktejbiet utli ħafna għal min qed jipprepara għal dan is-sillabu: fuq naħa *Mill-Ħġieġa 'l Barra*, studju kritiku dwar *Xemgħat* ta' Leanne Ellul, u fuq l-oħra *Mill-Oasi Tiegħi*, studju kritiku dwar 20 poeżija minn *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' David Aloisio, it-tnejn letturi fil-Juniour College.

Ellul tipprovdilna daħla bl-isem ta' "L-arti skomda tal-inċertezza", tagħrif dwar in-novella u kif naqrawha, u noti dwar it-12-il novella ta' Żahra. Kull nota tittratta x-xogħol minn angoli differenti: il-kuntest, it-temi, il-binja, in-narratur, il-karattri, l-istili, il-lingwaġġ figurattiv, il-lessiku, l-ambjentazzjoni, u fl-aħħar hemm ukoll mistoqsijiet għar-reviżjoni. Il-ktieb jipprovdi wkoll mistoqsijiet ġenerali, tabella tematika, profil tal-karattri, mappa tal-ideat, tagħrif dwar il-komponiment letterarju, it-titli u l-kwotazzjonijiet u referenzi.

Min-naħa l-oħra, Aloisio jipprovdilna daħla dwar kif inhu magħmul dan il-ktejjeb, introduzzjoni dwar il-Femminiżmu u l-Letteratura, u analiżi tal-20 poeżija li huma inklużi fil-lista tas-sillabu f'rabta mal-ġabra ta' Simone Galea. Għal kull poeżija hawn insibu analiżi, u wara xi mistoqsijiet biex il-qarrej isir iktar midħla tal-poeżiji waħda waħda. Il-ktejjeb jipprovdi spazju fejn l-student ikun jista' jikteb it-tweġibiet jew riflessjonijiet qosra tiegħu. F'rabta mal-aħħar ħames poeżiji ta' Galea li tirreaġixxi (fl-ipertesti tagħha) għal ħames poeżiji miktubin minn ħames poeti rġiel, il-ktejjeb jipprovdi wkoll kopja tal-ipotesti.

Aloisio jinkludi wkoll taqsima intitolata "Eżempji ta' Titli tal-Komponiment Letterarju" fejn jagħti xi mistoqsijiet li jistgħu joħorġu fl-eżami f'rabta ma' din il-ġabra poetika, glossarju ta' termini letterarji li hu utilissimu għal min qed jistudja l-poeżija, u anki biblijografija għal min jixtieq jifrex iktar fl-istudju tal-poeżiji ta' Simone Galea.




**_STUDJI ESTETIĊ LETTERARJI. LITERARY AESTHETIC_ STUDIES, ta' Josette Attard, Horizons, 2021**

Dan mhux l-ewwel ktieb ta' Attard dwar l-estetika Maltija, u dan hu prova li hija daħlet sewwa fil-qalba ta' dan il-qasam wara snin twal ta' studju u riċerka. F'dan il-ktieb ta' ftit iktar minn mitt paġna nsibu miġbura seba' saġġi . Tlieta minnhom huma bil-Malti u jittrattaw lil erba' kittieba Maltin: Anastasju Cuschieri (minn lenti filosofika-letterarja), Walid Nabhan (dwar effetti emottivi), u Marlene Saliba u Maria Grech Ganado, dawn tal-aħħar f'rabta flimkien dwar mudelli arketipali tal-eroj fil-poeżija tagħhom. Hemm ukoll tliet saġġi bl-Ingliż: dwar ir-rabta bejn il-letteratura u l-estetika, ir-relazzjoni bejn l-estetika u t-teorija fil-letteratura, u l-kontribuzzjoni jew non-kontribuzzjoni tal-elementi estetiċi lill-valur artistiku. L-aħħar saġġ hu bit-Taljan u jagħtina profil tal-estetika letterarja Maltija. Ma' kull saġġ wieħed isib ukoll lista dettaljata ta' referenzi biblijografiċi għal min ikun jixtieq iwessa' l-qari u l-għarfien tiegħu dwar is-suġġett.




**_KORDI TAL-ĦAJJA_, ta' Nathalie de Gabriele Ferrante, Kite Group, 2021**

Dan huwa ktieb ġdid immirat l-aktar għall-adoloxxenti u kull min iħobb jaqra stejjer ta' intriċċi. *Kordi tal-Ħajja* hu l-ewwel ktieb ta' Nathalie de Gabriele Ferrante. Hawn naqraw dwar kif Benjamin Ebejer dejjem xtaq avventura speċjali, xi ħaġa li ddaħħallu ftit kulur f'ħajtu. Brooke Zahra, min-naħa l-oħra, kienet ħafna affarijiet. Atleta? Iva. Intelliġenti? Skont lil min tistaqsi. Aġent għal organizzazzjoni sigrieta? Bla dubju ta' xejn. Wara li Benjamin jara lil Brooke tuża t-talenti tagħha biex twaqqaf negozju suspettuż, irrealizza kemm ma kienx lest għall-avventura li offrietlu Brooke. Naqraw ukoll dwar ziju li ħarab mill-pajjiż, tifel bil-poteri li ħarab il-konfini ta' organizzazzjoni kriminali, u ġirja biex jinstabu t-tnejn. Benjamin u Brooke jaħdmu flimkien biex jiskopru s-sigrieti tal-familja Ebejer u jġibu lura ħajjithom għan-normal. Jinbiegħ mill-ħwienet tal-kotba jew minn fuq www.kitegroup.com.mt